2026/506

23.4.2026

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/506

tat-23 ta' April 2026

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/508 tat-23 ta' April 2026 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ([2])

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([3]).

(3) Fit-23 ta' April 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/508, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 iżżid 60 entità mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw il-kumpless militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tar-Russja. Fost l-entitajiet li d-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tinkludi f'dik il-lista hemm ċerti entitajiet f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li jikkontribwixxu indirettament għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja u b'hekk jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, inkluż dawk fuq għodod tal-magni kkontrollati b'mod numeriku bil-kompjuter (CNC), mikroelettronika, komponenti għal vetturi tal-ajru minngħajr ekwipaġġ, prodotti mikroelettroniċi, tagħmir marittimu u komponenti oħra għal vetturi u makkinarju.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tqis xieraq li tespandi l-lista ta' artikoli li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha, billi telenka artikoli li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u artikoli li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inkluż oġġetti tal-ħġieġ tal-laboratorju, ċerti lubrikanti ta' prestazzjoni għolja u l-addittivi tagħhom, u materjali enerġetiċi.

(6) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/508 tqis li huwa xieraq li jiġu introdotti aktar restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja, u b'hekk jippermettu l-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż restrizzjonijiet fuq ċerta materja prima, metalli, ċerti minerali, fuq ir-ruttam tal-azzar u metalli oħra, fuq sustanzi kimiċi, fuq artikoli tal-lastiku vulkanizzat u fuq ġlud tal-fer ikkonzati.

(7) Sabiex jixxejjen ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri restrittivi, id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tqis li jixraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti u teknoloġija soġġetti għall-projbizzjoni fuq it-tranżitu mit-territorju tar-Russja.

([1]) ĠU L, 2026/508, 23.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/508/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj).

(8) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tqis li huwa xieraq li jiġu imposti aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali Russi, bħal sustanzi kimiċi, lastiku u artikoli tal-lastiku vulkanizzat, artikoli tal-azzar, għodod għall-produzzjoni tal-metall u tratturi industrijali.

(9) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tespandi l-projbizzjoni eżistenti tax-xandir biex tirrestrinġi wkoll ix-xandir u l-faċilitazzjoni tax-xandir fl-Unjoni ta' kontenut ta' entitajiet li jirriflettu l-kontenut ta' enititajiet oħra li diġà huma soġġetti għall-projbizzjoni, sabiex jiġu indirizzati t-tentattivi ta' ċirkomvenzjoni tal-miżura restrittiva . B'mod konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà kif rikonoxxuti fl-Artikoli 11, 16 u 17 tagħha, din il-miżura ma żżommx lil dawk il-mezzi tal-media li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq ix-xandir u l-persunal tagħhom milli jwettqu attivitajiet fl-Unjoni minbarra x-xandir, bħar-riċerka u l-intervisti. B'mod partikolari, din il-miżura ma timmodifikax l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.

(10) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tintroduċi projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi tat-terminal tal-gass naturali likwifikat (LNG) lil entitajiet Russi jew entitajiet li huma proprjetà ta' ċittadini jew operaturi Russi jew ikkontrollati minnhom. Il-kuntratti rilevanti għas-servizzi tat-terminal tal-LNG ikkuntrattati kkonċernati għandhom jintemmu awtomatikament fl-1 ta' Jannar 2027.

(11) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 temenda l-mekkaniżmu għall-limitu massimu tal-prezz għaż-żejt mhux maħdum u l-prodotti petroliferi Russi. Id-Deċiżjoni tipprovdi wkoll li l-Kunsill għandu jiġi infurmat malajr kemm jista' jkun dwar kwalunkwe ftehim tal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet u ta' diskussjonijiet tal-G7, u li l-Kunsill għandu jiddeċiedi, abbażi ta' proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni, dwar l-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-prezz taż-żejt, u bir-riżultat li tidħol fis-seħħ projbizzjoni sħiħa fuq is-servizzi marittimi relatati maż-żejt mhux maħdum u l-prodotti tal-petroleum Russi.

(12) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 temenda l-obbligu li tiġi pprovduta evidenza ta' traċċabbiltà billi tirrikjedi li l-importaturi ta' djamanti llustrati, inkluż djamanti llustrati f'pajjiżi terzi, jipprovdu dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta li tikkonferma li d-djamanti ma kinux estratti, ipproċessati jew prodotti fir-Russja.

(13) Il-Gvern tal-Federazzjoni Russa impona hekk imsejħa "ġestjoni temporanja" illeġittima fuq proprjetajiet li jinsabu fit-territorju tal-Federazzjoni Russa, ta' persuni barranin assoċjati ma' hekk imsejħa "stati barranin ostili", jiġifieri, stati li introduċew miżuri restrittivi kontra r-Russja. Dik l-hekk imsejħa "ġestjoni temporanja" hija ekwivalenti għal esproprjazzjoni. B'dawn il-mezzi, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa jneħħi mis-suq Russu kompetituri tal-Unjoni ta' kumpaniji Russi, u jagħti lil dawn tal-aħħar vantaġġ ekonomiku fuq dawk ta' l-Unjoni u kompetituri barranin oħrajn, u b'hekk isaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija Russa għall-miżuri ta' restrizzonili jaffetwawh. F'xi każijiet, l-hekk imsejħa "ġestjoni temporanja" tingħata wkoll lill-kompetituri Russi tal-entatijiet tal-Unjoni nfushom, u b'hekk jingħataw vantaġġ ekonomiku dirett fuq il-kompetituri tal-Unjoni. Sabiex jissaħħaħ il-qafas tal-miżuri ta' restrizzonimill-Unjoni, id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tippermetti lill-Kunsill ifassal lista ta' kumpaniji Russi, li huma suġġetti ta' projbizzjoni m fuq tranżazzjonijiet, li jibbenefikaw minn tali hekk imsejħa "ġestjoni temporanja", b'mod partikolari billi "temporanjament" jieħdu f'idejhom il-ġestjoni fir-Russja tal-propjetà ta' entitajiet li huma proprjetà ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jew ikkontrollati minnhom, jew billi joperaw fl-istess settur tas-suq bħal dawk li huma huma proprjetà ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jew ikkontrollati minnhom. Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tipprevedi wkoll għal eċċezzjonijiet.

(14) L-Unjoni ħadet miżuri deċiżivi biex tidentifika entitajiet li jiffaċilitaw is-salvataġġ finanzjarju kontinwu għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kemm jekk billi tikkonnettja mas-sistema għat-trasferimenti ta' messaġġi finanzjarji ("SPFS") tal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa kif ukoll billi tippermetti ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni bejn dawk l-entitajiet u l-operaturi tal-Unjoni. Minn dawk l-entitajiet identifikati, ħamsa ħadu miżuri biex jagħlqu l-lakuni u jtemmu l-attivitajiet illeċiti rilevanti. Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 għalhekk tneħħi dawk il-ħames entitajiet mill-listi fl-Anness rilevanti tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Barra minn hekk, hemm evidenza li entitajiet oħra bħal dawn f'pajjiżi terzi jkomplu jippermettu lir-Russja twettaq attivitajiet illeċiti. Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 għalhekk tidentifika erbgħa entitajiet finanzjarji bil-ħsieb li tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni bejniethom u persuni li jinsabu fl-Unjoni billi tniżżel l-erbgħa entitajiet finanzjarji fl-Annessi rilevanti tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK-. Jenħtieġ li dawk il-bidliet għal-listi jkunu riflessi fl-Annessi rilevanti għar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

(15) Il-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa qed iniedi r-rouble diġitali, li huwa mistenni li jsir metodu komuni ta' pagament fis-snin li ġejjin fost kumpaniji Russi, individwi, u istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, kif ukoll bejniethom u operaturi ta' pajjiżi terzi. Filwaqt li għadu fi stadju preparatorju, il-proġett tar-rouble diġitali huwa maħsub, fost l-oħrajn, biex jipprovdi sistema ta' pagament li tipproteġi lill-persuni Russi mill-effett tal-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u fir-Regolament (UE) Nru 269/2014 ([4]). Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 timponi projbizzjoni fuq l-interazzjoni, diretta jew indiretta, fi kwalunkwe tranżazzjoni li tinvolvi tali muniti diġitali tal-bank ċentrali bħar-rouble diġitali jew l-għoti ta' kwalunkwe appoġġ għall-iżvilupp ta' tali proġetti. Id-Deċiżjoni tipprevedi wkoll perjodu ta' żmien limitat li jippermetti t-terminazzjoni ordnata ta' kuntratti rilevanti eżistenti.

(16) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tespandi l-lista ta' kriptoassi li l-użu tagħhom huwa pprojbit fi tranżazzjonijiet, peress li dawk il-kriptoassi joħolqu riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti, *inter alia*, fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u r-Regolament (UE) Nru 269/2014 Id-Deċiżjoni tipprovdi wkoll perjodu ta' żmien limitat biex tippermetti t-terminazzjoni ordnata ta' kuntratti rilevanti eżistenti.

(17) Fi Frar 2025, il-borża tal-kripto Russa Garantex ġiet elenkata fir-Regolament (UE) Nru 269/2014 talli pprovdiet aċċess lil entitajiet elenkati oħra għas-sistema finanzjarja globali. L-evidenza mill-investigazzjonijiet tas-soċjetà ċivili turi li dawk l-attivitajiet ta' Garantex ġew ittrasferiti lil entitajiet oħra stabbiliti fir-Russja, sabiex jevitaw il-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe elenkar ulterjuri ta' forniturі individwali ta' servizzi tal-kriptoassi jew ta' pjattaformi deċentralizzati li jippermettu l-iskambju jew it-trasferiment ta' kriptoassi x'aktarx li jirriżulta fl-istabbiliment ta' oħrajn ġodda biex jiġi evitat dak l-elenkar. Sabiex jiġi żgurat li il-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiksbu l-effetti maħsub tagħhom, id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tipprojbixxi l-interazzjoni ma' kwalunkwe fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jkun stabbilit fir-Russja, u l-użu ta' kwalunkwe pjattaforma li tkun stabbilita fir-Russja, li tippermetti t-trasferiment u l-iskambju ta' kriptoassi.

(18) Peress li l-miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni u mill-pajjiżi sħab jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tar-Russja li taċċessa s-swieq internazzjonali u takkwista tagħmir militari, kif ukoll il-possibbiltà li l-persuni elenkati jwettqu tranżazzjonijiet finanzjarji, tfaċċaw mekkaniżmi ġodda ta' ċirkomvenzjoni. Tali mekkaniżmi jinkludu l-offerta minn operaturi minn barra s-settur finanzjarju ta' aċċess għal pagamenti minn pajjiżi terzi permezz persuni ġuridiċi taħt il-kontroll tagħhom jew permezz ta' intermedjarji kompliċi jew, kif ukoll l-attivitajiet ta' operaturi li joffru servizzi li jippermettu l-aċċess għal skemi li jagħmluha possibbli li jitwettqu tranżazzjonijiet internazzjonali mingħajr pagamenti transfruntieri, iżda permezz ta' alternattivi bħal netting, tpaċija, rikonċiljazzjoni jew saldu. Bl-għan li jiġi żgurat li tali prattiki ta' ċirkomvenzjoni ma jkunux effettivi, jenħtieġ li jkun ipprojbit li titwettaq kwalunkwe tranżazzjoni ma' operaturi li huma identifikati bħala li joffru servizzi li jippermettu tranżazzjonijiet internazzjonali lijevitaw miżuri restrittivi . Huwa xieraq li jiġi ċċarat li, min-natura tagħhom, id-derogi mogħtija fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jew fir-Regolament (UE) Nru 269/2014 ma jistgħux jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet li jinsabu f'dawk l-atti legali. Għalhekk, it-tranżazzjonijiet imwettqa f'konformità ma' dawk l-eċċezzjonijiet u d-derogi ma jikkostitwixxux tranżazzjonijiet internazzjonali li jevitaw miżuri restrittivi.

(19) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 iżżid 20 istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet. Il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet tapplika għal ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji Russi jew entitajiet oħra, inklużi dawk li jissottoskrivu għal servizzi ta' messaġġi finanzjarji, jew għal sussidjarji Russi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji ta' pajjiżi terzi, li huma rilevanti għas-sistema finanzjarja u bankarja Russa, u li huma banek reġjonali kbar jew importanti, li konsegwentement jiffaċilitaw il-finanzi u n-negozju reġjonali u federali, jew banek li jiffaċilitaw il-pagamenti transfruntieri, u b'hekk isaħħu l-ekonomija Russa u l-industrija tagħha, jew banek li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna billi joperaw fit-territorji okkupati tal-Ukrajna, jew billi jipprovdu servizzi finanzjarji fuq it-territorji okkupati tal-Ukrajna, jew banek li joffru servizzi finanzjarji lil persunal militari fil-forzi armati Russi, jew banek li diġà huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni jew minn pajjiżi sħab. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 temenda eżenzjoni li hija meħtieġa għar-riċeviment ta' pagamenti dovuti u biex jiġu ssodisfati l-obbligi preċedenti mill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fl-Anness rilevanti tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 iżżid ukoll eżenzjoni għall-pagament ta' tariffi professjonali raġonevoli jew ir-rimborż ta' spejjeż imġarrba assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali, kif ukoll eżenzjoni relatata mal-ħtiġijiet ta' organizzazzjonijiet intermedji ffinanzjati mill-Istat għall-politika kulturali barranija tal-Istati Membri fir-Russja.

([4]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj).

(20) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 timponi restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-forniment, lill-Gvern tar-Russja u lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, ta' servizzi li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet teknoloġiċi tar-Russja, b'mod partikolari l-forniment ta' servizzi tas-sigurtà ġestiti.

(21) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tintroduċi eżenzjoni mir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel għal servizzi pprovduti lill-Gvern tar-Russja li mhumiex diġà soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, meta dawk is-servizzi jkunu strettament meħtieġa għall-funzjonament ta' rappreżentanza konsulari jew diplomatika tar-Russja li tinsab fi Stat Membru.

(22) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 twessa' l-projbizzjoni eżistenti fuq l-aċċettazzjoni ta' finanzjament, donazzjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju jew appoġġ ekonomiku ieħor mir-Russja, kemm direttament kif ukoll indirettament, billi testendiha għal istituzzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka, universitajiet, stabbilimenti tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, organizzazzjonijiet mhux governattivi, korpi u aġenziji pubbliċi, lil impriżi u entitajiet oħra fis-setturi industrijali u kummerċjali, inklużi intrapriżi mikro, żgħar, ta' daqs medju u kbar, li jwettqu azzjoni ta' riċerka u innovazzjoni, kif ukoll lil persuni fiżiċi assoċjati ma' tali persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi. L-aċċettazzjoni ta' finanzjament pubbliku Russu tista' tirriżulta fl-għoti ta' appoġġ dirett jew indirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi Russi minħabba t-trasferiment relatat tal-għarfien, l-aċċess għall-infrastruttura, it-taħriġ u attivitajiet oħra mwettqa fil-kuntest tar-riċerka u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, il-programmi eżistenti jistgħu jipprevedu soġġorni ta' riċerka fir-Russja. Dawk l-attivitajiet jistgħu jintużaw għal kampanji ta' influwenza u l-promozzjoni tad-diżinformazzjoni mmirati biex idgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u jippromwovu propaganda favur ir-Russja mmirata biex tiġġustifika u tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa xieraq li l-finanzjament mir-Russja u mill-proxies tagħha lil atturi fl-Unjoni li jwettqu azzjoni ta' riċerka u innovazzjoni jiġi pprojbit.

(23) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tiċċara li l-obbligi ta' rapportar dwar informazzjoni li tiffaċilita l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jinkludu d-dmir ta' rapportar dwar persuni li jinvolvu ruħhom f'tentattivi ta' skemi ta' ċirkomvenzjoni, jew fi tranżazzjonijiet meqjusa suspettużi.

(24) L-Artikolu 248.1 u l-Artikolu 248.2 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jippermetti lill-persuni jressqu talba quddiem ċerti qrati Russi, li mbagħad jasserixxu ġuriżdizzjoni fuq tilwim kontra kumpaniji tal-Unjoni li jikkonċerna kuntratti affettwati minnmiżuri restrittivi tal-Unjoni , għalkemm dik il-kompetenza suppost tiġi allokata lil qrati jew tribunali tal-arbitraġġ mhux Russi. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, il-qrati Russi jistgħu jimponu multi sinifikanti fuq il-kumpaniji tal-Unjoni li ma jaċċettawx l-affermazzjoni ta' ġuriżdizzjoni. Għaldaqstant huwa xieraq li l-qrati tal-Unjoni jkunu jistgħu joħorġu ordnijiet biex ma jibdewx jew ma jwaqqfux proċedimenti legali, u biex jimponu penali, fuq talba ta' persuni tal-Unjoni. Tali penali jridu jkunu xierqa biex jiżguraw effett deterrenti. Jenħtieġ lid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar il-*forum necessitatis* jiġu emendati kif xieraq.

(25) Persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi, jew persuni, entitajiet jew korpi li huma proprjetà tagħhom, jew ikkontrollati minnhom, jistgħu jfittxu li jinfurzaw, f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja, deċiżjonijiet ġudizzjarji u amministrattivi Russi. Dawn it-tentattivi jistgħu jkunu bbażati fuq pretensjonijiet relatati ma' kuntratti affettwati minn miżuri restrittivi jew esproprjazzjonijiet illegali jew hekk imsejħa "ġestjoni temporanja" imposti mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk huwa xieraq li tiġi estiża l-possibbiltà li persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni jitolbu danni mingħand persuni, entitajiet u korpi li jfittxu, f'pajjiżi għajr ir-Russja, l-infurzar ta' dawk id-deċiżjonijiet Russi, jew li jikkooperaw fl-infurzar tagħhom, kif ukoll mingħand persuni, entitajiet u korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom. Huwa xieraq ukoll li l-Kunsill jimponi projbizzjoni ta'tranżazzjoni fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jfittxu li jinfurzaw, jew jikkooperaw fl-infurzar ta', deċiżjonijiet Russi ibbażati fuq pretensjonijiet relatati ma' kuntratti affettwati minn miżuri restrittivi, jew ta' esproprjazzjonijiet illegali u l-hekk imsejħa "ġestjoni temporanja" imposti mill-Gvern Russu, kif ukoll projbizzjoni ta' tranżazzjoni fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk il-persuni, entitajiet jew korpi jew jikkontrollawhom.

(26) L-Unjoni imponiet miżuri restrittivi sinifikanti fis-settur marittimu fil-konfront tar-Russja, b'mod partikolari fir-rigward tal-flotta ta' bastimenti tankers, magħrufa bħala l-"flotta mistura", li jipprattikaw prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192 (33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti mibjugħa mill-operaturi tal-Unjoni ma jingħaqdux mal-flotta mistura jew jappoġġawha, il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-bejgħ ta' bastimenti tankers lil operaturi f'pajjiżi terzi jenħtieġ li jissaħħu, billi jsir proviżjoni għad-diliġenza dovuta u klawżola obbligatorja fil-ftehimiet tal-bejgħ ta' bastimenti tankers li skontha l-bastimenti ma jistgħux jerġgħu jinbiegħu jew jiġu ttrasferiti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja. Jenħtieġ li tali diliġenza dovuta tkun proporzjonata, u tinkludi skrinjar tal-partijiet kollha fit-tranżazzjoni. Fil-kuntest speċifiku tal-bejgħ ta' bastimenti tanker, fejn bejjiegħ tal-Unjoni jkun għamel id-diliġenza dovuta kif xieraq u kiseb l-impenji kontrattwali rekwiżiti, jenħtieġ li l-bejjiegħ tal-Unjoni ma jinżammx responsabbi għal ksur sussegwenti ta' dawk l-impenji mix-xerrej, ladarba l-bejjiegħ tal-Unjoni jkun aġixxa in bona fide u ma kellux fil-possessjoni tiegħu informazzjoni li tissuġġerixxi intenzjoni ta' ċirkumvenzjoni tal-miżuri. Jenħtieġ li r-responsabbilità għal tali ksur tibqa mal-parti mill-pajjiż terz li naqas li jirrispetta l-projbizzjoni kuntrattwali.

(27) Peress li ħafna bastimenti elenkati mill-Kunsill i bħala li jappartjenu għall-"flotta mistura" laħqu l-età li fiha jenħtieġ li jiġu rriċiklati, u sabiex jitħeġġeġ ir-riċiklaġġ tagħhom aktar milli jitkomplew l-operazzjonijiet, u biex l-operaturi tal-Unjoni jkunu jistgħu jkunu involuti f'attivitajiet relatati mar-riċiklaġġ, deroga ġdida mill-miżuri restrittivi tal-Unjoni jenħtieġ li tiffaċilita r-riċiklaġġ ta' tali bastimenti.

(28) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 tintroduċi restrizzjonijiet ġodda fuq bastimenti li jkissru s-silġ li joperaw fir-Russja, minħabba li l-bastimenti huma strumentali biex jappoġġaw l-esportazzjonijiet taż-żejt u tal-gass - mit-Tramuntana tar-Russja. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-proviżjoni ta' servizzi lil tankers tal-LNG b'reġistrazzjoni, proprjetà jew ġestjoni Russa tkun ristretta.

(29) Bħalissa, jistgħu jitressqu kontra kumpaniji tal-Unjoni li jikkonformaw ma' miżuri restrittivi talbiet minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi għajr persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi Russi, minn persuni għajr dawk elenkati fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew minn persuni għajr dawk li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, pereżempju meta l-operaturi tal-Unjoni jwaqqfu l-provvista tagħhom lil persuni fiżiċi u ġuridiċi f' pajjiżi terzi għajr ir-Russja ta' prodotti li l-esportazzjoni tagħhom lejn ir-Russja hija pprojbita. Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 issaħħaħ il-qafas ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni billi testendi l-kamp tal-projbizzjoni fuq is-sodisfazzjoni ta' tali pretensjonijiet marbuta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun ġie affettwat, direttament jew indirettament, għal kollox jew parti minnhom, minn miżuri restrittivi tal-Unjon. i Għalhekk, jenħtieġ li l–kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar is-sodisfazzjoni ta' tali pretensjonijiet jiġi estiż wkoll biex ikopri pretensjonijiet min persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja u pajjiżi sħab elenkati fl-Anness rilevanti, fejn dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi jbigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw oġġetti, teknoloġija jew servizzi li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014, kemm jekk l-oġġetti, it-teknoloġija jew is-servizzi joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le.

(30) Il-kliem "kwalunkwe persuna, entità jew korp Russu ieħor" fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jinkludi l-Federazzjoni Russa. Meta l-Federazzjoni Russa tressaq talba fil-qrati Russi jew ta' pajjiżi terzi oħrajn b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont ir-Regolamenti (UE) Nru 833/2014 u (UE) Nru 269/2014, il-Federazzjoni Russa taġixxi f'kapaċità kummerċjali jew tneħħi l-immunità tagħha mill-ġuriżdizzjoni u l-infurzar, inkluż għal kontrotalbiet potenzjali, skont il-każ. F'każijiet bħal dawn, bis-saħħa tal-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jenħtieġ li l-persuni tal-Unjoni jistgħu jirkupraw id-danni fi proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istati Membri, dment li l-persuna kkonċernata ma jkollhiex aċċess effettiv b'mod ieħor għar-rimedji taħt il-ġuriżdizzjoni rilevanti.

(31) Ir-Russja adottat leġiżlazzjoni, b'mod partikolari d-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Nru 122 tal-15 ta' Frar 2024 u d-Digriet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa Nru 1767 tat-18 ta' Ottubru 2021, kif emendat bir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 380 tas-27 ta' Marzu 2024, li jippermetti lill-Gvern Russu jieħu deċiżjoni, fuq talba ta' entità ġuridika Russa li fiha l-Istat Russu, entità ġuridika Russa, ċittadin Russu jkun is-sid direttament jew indirettament ta' aktar minn 75 % tal-kapital azzjonarju, dwar l-użu ta' invenzjoni, mudell ta' utilità jew disinn industrijali mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt li għalihom iħallas biss kumpens simboliku f'kont bankarju speċjali f'rouble. Din il-leġiżlazzjoni hija mmirata b'mod partikolari lejn detenturi ta' drittijiet li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuni fiżiċi fi, u minn persuni ġuridiċi inkorporati skont il-liġijiet ta', pajjiżi li jimponu miżuri restrittivi fuq ir-Russja għall-gwerra tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, inklużi persuni u kumpaniji fl-Istati Membri. Il-leġislazzjoni effettivament iċċaħħad lil detenturi ta' drittijiet ta' l-Unjoni mill-protezzjoni leġittima tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-sigrieti kummerċjali tagħhom fir-Russja, u b'hekk tagħti vantaġġ ekonomiku lill-kumpaniji li huma proprjetà ta' Russi u fl-aħħar mill-aħħar jagħtu spinta lill-industrija Russa. Barra minn hekk, il-leġislazzjoni tikkontribwixxi direttament biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ekonomija tar-Russja u l-isforz tal-gwerra tagħha, b'mod partikolari meta l-invenzjonijiet, il-mudelli ta' utilità jew id-disinji industrijali in kwistjoni jintużaw fil-qasam tad-difiża jew għal prodotti b'użu doppju. Għalhekk huwa xieraq li tiġi imposta projbizzjoni ta' tranżazzjoni fuq l-entitajiet inkorporati skont il-liġi Russa li jużaw mingħajr il-kunsens tagħhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' sussidjarji inkorporati fir-Russja ta' kumpaniji tal-Unjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tal-entitajiet li jużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-sigrieti kummerċjali ta' detenturi ta' drittijiet ta' l-Unjoni mingħajr il-kunsens tagħhom, huwa meħtieġ li d-detenturi ta' drittijiet affettwati tall-Unjoni jinfurmaw lill-Istat Membru rispettiv b'tali użu.

(32) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 temenda l-mekkaniżmu ta' notifika minn qabel għad-diplomatiċi u l-uffiċjali konsulari Russi, kif ukoll għall-membri tal-persunal amministrattiv u tekniku jew tal-persunal tas-servizz ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari tar-Russja, u għall-membri tal-familja tagħhom, meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru għajr dak tal-akkreditazzjoni jew tar-residenza tagħhom.

(33) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u minnhom jibqgħu prijorità. Saru sforzi sinifikanti biex tiġi evitata l-esportazzjoni lejn ir-Russja mill-ġdid ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju li joriġinaw mill-Unjoni, inklużi l-artikoli ta' Prijorità Għolja Komuni (CHP, Common High Priority) elenkati fl-Annessi rilevantigħar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Il-Kummissjoni timmonitorja l-flussi kummerċjali ta' dawk l-artikoli, u l-Mibgħut Speċjali Internazzjonali għall-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet tal-UE jinvolvi ruħu ma' pajjiżi terzi fejn ikunu ġew identifikati flussi kummerċjali suspettużi.

(34) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 iżżid żewġ Kodiċijiet NM u r-Repubblika tal-Kirgistan mal-lista ta' oġġetti u teknoloġija u pajjiżi stabbilita fl-Anness rilevanti tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Abbażi tad-data kummerċjali disponibbli għall-ewwel 10 xhur tal-2025, l-importazzjonijiet ta' artikoli CHP mill-Unjoni lejn ir-Repubblika tal-Kirgistan kienu kważi 800 % ogħla minn qabel il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għall-istess perjodu, l-esportazzjonijiet ta' artikoli CHP mir-Repubblika tal-Kirgistan lejn ir-Russja kienu 1 200 % ogħla minn qabel il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-listi jikkonċernaw iċ-ċentri tal-immaxinjar għall-ħdim tal-metall (kodiċi NM 8457 10) u l-magni li jirċievu, jikkonvertu u jittrażmettu jew jirriġeneraw vuċijiet, immaġnijiet jew data oħra, inkluż l-apparat tal-iswiċċjar u tar-routing (kodiċi NM 8517 62). Dawk il-kodiċi CN huma elenkati fl-Annessi rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, peress li l-oġġetti jistgħu jintużaw biex jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-setturi tad-difiża u s-sigurtà tar-Russja. Iċ-ċentri tal-immaxinjar jintużaw ħafna fil-manifattura tad-difiża peress li jistgħu jipproduċu komponenti tal-metall ta' preċiżjoni għolja essenzjali għall-produzzjoni militari. Il-magni għat-trażmissjoni tal-vuċi u tad-data jintużaw, fost l-oħrajn, għan-networks ta' komunikazzjoni fuq il-post u għat-telemetrija bid-droni. Il-livell għoli ta' importazzjonijiet ta' tali artikoli fir-Repubblika tal-Kirgistan mill-Unjoni meta mqabbel mal-figuri ta' qabel il-gwerra juri riskju kontinwu u partikolarment għoli ta' ċirkomvenzjoni, permezz tal-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti sussegwentement mir-Repubblika tal-Kirgistan lejn ir-Russja.

(35) Il-Mibgħut Speċjali Internazzjonali għall-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet tal-UE kellu interazzjoni attiva mar-Repubblika tal-Kirgistan, u l-Unjoni kienet involuta wkoll f'diskussjonijiet tekniċi mal-awtoritajiet tal-Kirgistan. Minkejja diversi talbiet u minkejja diveri skambji, ir-Repubblika tal-Kirgistan la adottat u lanqas ma nfurzatmiżuri suffiċjenti biex tiżgura li l-artikoli CHP li joriġinaw mill-Unjoni ma jiġux esportati mill-ġdid lejn ir-Russja, u b'hekk iżżid b'mod sinifikattiv ir-riskju li l-ġuriżdizzjoni tagħha tintuża għaċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Repubblika tal-Kirgistan tiġi identifikata bħala ġuriżdizzjoni fejn ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni huwa sistemiku u persistenti, b'awtoritajiet li jonqsu milli jipprevjenu l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' oġġetti u teknoloġija, kif elenkati fl-Anness XXXIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, esportati mill-Unjoni.

(36) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 testendi l-lista' ta' pajjiżi sħab għall-importazzjoni ta' prodotti tal-petroleum.

(37) Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/508 telenka żewġ portijiet u magħluq fir-Russja, u żewġ portijiet u magħluq f'pajjiż terz għajr ir-Russja li jintużaw għaċ-cirkomvenzjoni tal-limitu tal-prezzijiet taż-żejt minn bastimenti li jipprattikaw prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli. Dan jikkonċerna t-Terminal taż-Żejt Karimun fl-Indoneżja.

(38) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(39) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (i) tal-paragrafu (zj) huwa sostitwit b'li ġej:

"(i) servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi ta' tours, inkluż servizzi mogħtija għall-ivvjaġġar tal-passiġġieri minn aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi ta' tours, u servizzi simili; servizzi ta' informazzjoni, pariri u ppjanar dwar l-ivvjaġġar; servizzi relatati mal-arranġament ta' tours, akkomodazzjoni, trasport tal-passiġġieri u tal-bagalji; servizzi ta' ħruġ tal-biljetti;";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(zk) 'servizzi tat-terminal tal-LNG' tfisser servizzi pprovduti minn operaturi tas-sistema tal-gass naturali likwifikat (LNG) lill-klijenti, b'mod partikolari l-ħatt, il-ħżin, il-bgħit, l-irmiġġ (it-tagħbija u l-ħatt), ir-rigassifikazzjoni, il-likwifikazzjoni backhaul, it-tagħbija tat-trakkijiet, il-bunkering tal-LNG li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 2711 11 00, u inklużi s-servizzi anċillari u l-ħżin temporanju meħtieġ għall-proċess tal-gassifikazzjoni mill-ġdid u l-konsenja sussegwenti lis-sistema ta' trażmissjoni;

(zl) 'servizz tas-sigurtà ġestit' tfisser servizz tas-sigurtà ġestit kif definit fil-punt 14a tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151 7.6.2019, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/881/oj).";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) l-iżgurar ()għal persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi fir-Russja, li huma proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp, jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minnhom, li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru;";

(b) fil-paragrafu 7, il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma maħsuba għas-settur tal-enerġija, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 sa 6 tal-Artikolu 3 u l-paragrafu 4a tal-Artikolu 3k;";

(3) l-Artikolu 2a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, il-punt (h) jinbidel b'dan li ġej:

"(h) l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi fir-Russja li huma proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minnhom, li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru;";

(b) fil-paragrafu 7, il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma maħsuba għas-settur tal-enerġija, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 sa 6 tal-Artikolu 3 u l-paragrafu 4a tal-Artikolu 3k;";

(4) fl-Artikolu 2f, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għall-kontenut online ta' persuna ġuridika, entità jew korp li joperaw bħala entità mera ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1, fejn jiġu ssodisfati mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin:

(a) kontenut jew feeds sostanzjalment identiċi;

(b) il-kontinwità tal-immarkar, id-disinn jew l-interfaċċa tal-utent;

(c) sjieda, kontroll jew ġestjoni li jikkoinċidu;

(d) ridirezzjonar jew migrazzjoni ta' utenti minn persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1;

(e) kontinwità tal-infrastruttura teknika, inkluż l-użu tal-istess bażi ta' kodiċi, dominji, jew applikazzjonijiet.";

(5) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mas-software msemmi fil-paragrafu 1a u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dak is-software, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mas-software imsemmi fil-paragrafu 1a għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dak is-software, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja;

(c) tbigħ, tilliċenzja jew tittrasferixxi b'xi mod ieħor id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll tagħti drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetti permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali relatati mas-software msemmi fil-paragrafu 1a u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dak is-software, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.";

(c) il-kliem tal-introduzzjoni tal-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' software, jew għall-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja meħtieġa għal:";

(d) il-paragrafu 3a huwa mħassar;

(e) il-kliem tal-introduzzjoni tal-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. B'deroga mill-paragrafi 1a u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni u l-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li:";

(6) fil-paragrafu 5a tal-Artikolu 3ea, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-aċċess huwa meħtieġ għal operazzjonijiet strettament meħtieġa għat-tlestija ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli fl-Unjoni";

(7) l-Artikolu 3i huwa emendat kif ġej:

(ea) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3be. Fir-rigward ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2501, 2517, 2519, 2522, 2530, 2601, 2619, 2620, 2621, 280461, 280469, 2815, 2816, 2825 20, 2833, 2849, 2910, 2916, 2926, 4016, 4302, 7110 11, 7110 19, 7110 31, 7110 39, 7110 41, 7110 49, 7204, 7401, 7402, 7403 (minbarra 7403 19), 7404, 7406, 7503, 7504, 7505, 7602, 7603, 7610, 7612, 8102, 8104 u 8105, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Lulju 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' April 2026, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3bf. Fir-rigward ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7403 19, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Jannar 2027 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' April 2026, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti."

(b) jitħassru l-paragrafi 3cc u 3cd;

(c) il-paragrafu 3e huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3e. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7007, 7019, 8424 10 00, 8479, 8481, 8483, 8487, 8504, 8516 29 91, 8517, 8525, 8531, 8536, 8537, 8538, 8539, 8542, 8543, u 8603, kif elenkati fl-Anness XXI, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-operat, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-vaguni tal-linja tal-metro 3 ta' Budapest ikkonsenjati fl-2018, fl-eżekuzzjoni tas-servizz ta' garanzija tul il-ħajja pprovduta minn *Metrowagonmash* qabel l-24 ta' Ġunju 2023.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3h. Mill-24 ta' April 2026 il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew għal assistenza teknika jew finanzjarja relatata, meħtieġa għall-importazzjoni fl-Unjoni, ta' 688 000 tunnellata metrika ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2814 bejn l-24 ta' April ta' sena u t-23 ta' April tas-sena ta' wara.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3i. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment sal-25 ta' April 2031 ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7007, 7019, 8471, 8479, 8481, 8482, 8483, 8487, 8504, 8517, 8523, 8525, 8531, 8536, 8537, 8538, 8539, 8542, 8543, 8603, 9030, 9031, 9032 u 9405, kif elenkati fl-Anness XXI, jew il-forniment ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għas-sikurezza tal-operat, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-vagoni tal-linji 1, 2 u 4 tal-metro ta' Sofija, prodotti u kkonsenjati sa l-2017.";

(f) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stipulati fil-paragrafi 3cg, 3cd, 3h u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447.";

(g) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3ab, 3c, 3ce, 3e, 3g jew 3i fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(8) L-Artikolu 3k huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1b. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7304 11 00, 7304 19 10, 7304 19 30, 7304 19 90, 7304 22 00, 7304 23 00, 7304 29 10, 7304 29 30, 7304 29 90, 7305 11 00, 7305 12 00, 7305 19 00, 7305 20 00, 7306 11, 7306 19, 7306 21 00, 7306 29 00, 8207 13 00, 8207 19 10, 8413 50, 8413 60, 8413 82 00, 8413 92 00, 8430 49 00, 8431 39 00, 8431 43 00, 8431 49, 8705 20 00, 8905 20 00 jew 8905 90 10, kif elenkati fl-Anness XXIII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, jew għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1 u 1b u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja;

(b) li jingħata finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1 u 1b għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja;

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew tas-sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew għall-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1 u 1b u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.";

(c) il-paragrafi 3ah, 3ai u 3aj jitħassru;

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3al. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XXIIIH, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Lulju 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' April 2026, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(e) il-paragrafu 4a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4a. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 1a, 1b u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(f) fil-paragrafu 5a, il-punt (f) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(f) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3916 20 meta strettament meħtieġa għall-bejgħ ta' pavimentar jew twieqi tal-PVC.";

(g) fil-paragrafu 5a,, jiżdied il-punt li ġej:

"(g) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3920 43 10 99, 3925 90 10, 3925 90 80 00 jew 8302 41 50 li huma strettament meħtieġa għall-bejgħ ta' twieqi.";

(h) il-paragrafu 5aa jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5aa. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2835 22 00, 2920 90, 3917 10 u 3920 62, jew il-provvista ta' assistenza teknika jew finanzjarja relata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jinbiegħu, jiġu forniti, jiġu trasferiti jew jiġu esportati strettament għall-produzzjoni ta' artikoli tal-ikel għall-konsum mill-bnedmin fir-Russja.";

(i) il-paragrafu 5b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5b. B'deroga mill-paragrafi 1, 1b u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kapitoli NM 72, 84, 85 u 90 kif elenkati fl-Anness XXIII, jew assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament neċessarju għall-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.";

(j) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5j. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Russja ta' oġġetti u teknoloġija li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3403 19 80 kif elenkati fl-Anness XXXVII esportati mill-Ungerija, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma destinati għall-Ażerbajġan.";

(k) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafi 5, 5a, 5aa, 5b, 5c, 5d, 5g, 5h, 5i jew 5j fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(9) L-Artikolu 3m huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-kondensat tal-gass naturali tas-subintestatura NM 2709 00 10 minn impjanti tal-produzzjoni tal-gass naturali likwifikat.";

(b) jitħassru l-paragrafi 11 u 12;

(10) l-Artikolu 3n huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (b) u (c) jitħassru:

(ii) fl-aħħar tal-paragrafu, it-test li ġej jiżdied bħala subparagrafu mhux numerat li mhuwiex parti mill-punt (d):

"Il-Kunsill, fuq proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi, mingħajr dewmien żejjed, abbażi tal-koordinazzjoni u konsiderazzjoni kompleta tad-diskussjonijiet fi ħdan il-G7 u l-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet,dwar l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għall-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 fir-rigward taż-żejt mhux maħdum jew tal-prodotti tal-petroleum innegozjati bi prezzijiet taħt il-limitu massimu tal-prezz.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"6b. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw:

(a) fil-każ ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV meta dawk il-oġġetti joriġinaw f'pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew fir-Russja, jitilqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dawk l-oġġetti ma jkunux Russi;

(b) fil-każ ta' trasport, jew assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali trasport, tal-prodotti msemmija fl-Anness XXIX lill-pajjiżi terzi msemmija fih, għat-tul ta' żmien speċifikat f'dak l-Anness;

6c. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 għandhom japplikaw għall-kondensat tal-gass naturali tas-subintestatura NM 2709 00 10 minn impjanti tal-produzzjoni tal-gass naturali likwifikat.";

(c) jitħassru l-paragrafi 12 u 13;

(11) L-Artikolu 3p huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7102 31 00 u 7102 10 00 li jiġu importati fl-Unjoni għandhom jiġu sottomessi għall-verifika mingħajr dewmien, flimkien ma' ċertifikat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 (*) li fih il-pajjiż ta' oriġini tal-estrazzjoni jew il-pajjiżi ta' oriġini tal-estrazzjoni jkunu ddikjarati b'mod ċar, lill-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. L-Istat Membru fejn dawk il-prodotti jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni għandu jiżgura s-sottomissjoni tagħhom lill-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. Jistgħu jingħataw tranżitu doganali għal dak il-għan. Jekk jingħata tali tranżitu doganali, il-verifika prevista f'dan il-paragrafu għandha tiġi sospiża sal-wasla ta' dawk l-oġġetti fl-awtorità speċifikata fl-Anness XXXVIIIB. L-importatur għandu jkun responsabbli għall-moviment kif suppost ta' dawk l-oġġetti u tal-kostijiet ta' tali moviment. Sottomissjoni lil dik l-awtorità m'għandhiex tkun meħtieġa sakemm l-oġġetti jkunu għaddew minn qabel mill-proċedura ta' verifika prevista f'dan il-paragrafu u sakemm dan jiġi ppruvat b'evidenza tat-traċċabilità, inkluż ċertifikat korrispondenti li jiċċertifika li d-djamanti mhumiex estratti, ipproċessati jew prodotti fir-Russja, kif previst fil-paragrafu 10.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Kimberley Process fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2368/oj)";

(b) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, fil-mument tal-importazzjoni, l-importaturi għandhom jipprovdu evidenza tal-pajjiż tal-oriġini tad-djamanti jew prodotti li jinkorporaw djamanti użati bħala inputs għall-ipproċessar tal-prodott f'pajjiż terz.

Mill-1 ta' Marzu 2025, l-evidenza tat-traċċabbiltà għall-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XXXVIIIA li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7102 10 00 u 7102 31 00 għandha tinkludi ċertifikat korrispondenti li jiċċertifika li d-djamanti humiex estratti, ipproċessati jew prodotti fir-Russja. Fir-rigward ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7102 39 00, kif elenkati fil-Parti A tal-Anness XXXVIIIA, l-użu obbligatorju ta' evidenza ta' traċċabbiltà, inkluża dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta li tikkonferma li d-djamanti ma jiġux estratti, ipproċessati jew prodotti fir-Russja, għandu japplika mill-24 ta' April 2026.";

(12) L-Artikolu 3q huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3q*

1. Għandu jiġi pprojbit għal kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru, persuna fiżika residenti fi Stat Membru, u kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni, li jbigħu jew inkella jittrasferixxu s-sjieda, direttament jew indirettament, tal-bastimenti tankers għat-trasport ta' żejt grezz jew prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV, li jaqgħu taħt il-kodiċi SA ex 8901 20, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fil-paragrafu 1, kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru, kwalunkwe persuna fiżika residenti fi Stat Membru, u kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni li jbiegħu jew inkella jittrasferixxu s-sjieda lil persuni , entitajiet u korpi fi kwalunkwe pajjiż terz, direttament jew indirettament, tal-bastimenti tankers għat-trasport taż-żejt mhux maħdum jew ta' prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV, li jaqgħu taħt il-kodiċi SA ex 8901 20, kemm jekk dawk il-prodotti joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, għandhom:

(a) jieħdu passi xierqa, proporzjonalment għan-natura u d-daqs tagħhom, biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji ta' trasferiment mill-ġdid lejn ir-Russja jew għall-użu fir-Russja, u jiżguraw li dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju jiġu ddokumentati u jinżammu aġġornati;

(b) jimplimentaw politiki, kontrolli u proċeduri xierqa, b'mod proporzjonat għan-natura u d-daqs tagħhom, biex jimmitigaw u jimmaniġġjaw b'mod effettiv ir-riskji ta' trasferiment mill-ġdid lejn ir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-paragrafu 2 li jakkwistaw il-bastimenti tankers għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tlestija tal-passi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a).

4. Kwalunkwe bejgħ jew arranġament ieħor li jinvolvi t-trasferiment tas-sjieda minn ċittadin ta' Stat Membru, persuna fiżika residenti fi Stat Membru, jew persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni lil kwalunkwe pajjiż terz ta' bastimenti tankers għat-trasport ta' żejt grezz jew prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV, li jaqgħu taħt il-kodiċi HS ex 8901 20, bl-eċċezzjoni ta' bejgħ jew trasferiment ieħor ta' sjieda pprojbiti taħt il-paragrafu 1, għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn is-sid tal-bastiment huwa ċittadin, residenti jew stabbilit.

In-notifika tal-awtorità kompetenti għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni li ġejja: l-identitajiet tal-bejjiegħ u tax-xerrej, u, fejn applikabbli d-dokumenti tal-inkorporazzjoni tal-bejjiegħ u tax-xerrej inkluż il-parteċipazzjoni azzjonarja u t-tmexxija; in-numru tal-identifikazzjoni tal-OMI tal-bastiment; u s-Sinjal tas-Sejħa tal-bastiment.

5. Kwalunkwe bejgħ jew arranġament ieħor li jinvolvi trasferiment tas-sjieda minn ċittadin ta' Stat Membru, minn persuna fiżika residenti fi Stat Membru, jew minn persuna ġuridika, entità jew korp li huma stabbiliti fl-Unjoni lil kwalunkwe pajjiż terz ta' bastiment tanker għat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV, li jaqgħu taħt il-kodiċi SA ex 8901 20 għandu jkun fihom projbizzjoni kuntrattwali bil-miktub fuq kwalunkwe bejgħ mill-ġdid jew trasferiment ulterjuri tal-bastiment lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

6. Il-bejgħ jew arranġament ieħor imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet kuntrattwali bil-miktub li permezz tagħhom il-parti tal-pajjiż terz li takkwista l-bastiment:

(i) timpenja ruħha li tirrifletti l-projbizzjoni fil-paragrafu 5 fi kwalunkwe bejgħ mill-ġdid jew trasferiment ulterjuri li tista' twettaq; u,

(ii) tobbliga, fi kwalunkwe bejgħ mill-ġdid jew trasferiment ulterjuri, lill-akkwirent tal-bastiment biex jinkludi dispożizzjonijiet kuntrattwali bil-miktub ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-paragrafu 5 u dan il-paragrafu.

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe notifika skont il-paragrafu 4, fi żmien ġimagħtejn tan-notifika.";

(13) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 3rb*

Mill-1 ta' Jannar 2027, għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi tat-terminal tal-LNG lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni li jkunu aktar minn 50 % proprjetà ta', jew ikkontrollati, minn ċittadin Russu jew minn persuna ġuridika, entità jew korp fir-Russja.

Għandu jkun ipprojbit li jinżammu kuntratti li jikkonċernaw servizzi pprojbiti tal-LNG skont dan l-Artikolu wara l-1 ta' Jannar 2027.";

(14) L-Artikolu 3s huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw it-twettiq tal-operazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (g) tal-paragrafu 1 fir-rigward ta' bastiment elenkat fl-Anness XLII wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) il-bastiment huwa maħsub għar-riċiklaġġ; u,

(b) l-operazzjonijiet inkwistjoni huma meħtieġa biex il-bastiment jkompli baħħar lejn il-faċilità tar-riċiklaġġ tiegħu, għal kwalunkwe attività rilevanti tal-faċilità tar-riċiklaġġ fir-rigward tal-bastiment, jew għal pagamenti relatati mar-riċiklaġġ.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafi 3a u 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(15) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 3sa*

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati ma' kwalunkwe bastiment li jkisser is-silġ li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8906 90 jew ma' kwalunkwe bastiment tanker tal-gass naturali likwifikat (LNG) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8901 20, fejn tali bastiment ikun irreġistrat taħt il-bandiera tar-Russja, ikun iċċertifikat mir-Russian Maritime Register of Shipping, ikun proprjetà ta' jew ġestiti minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu, ikun qed jopera fir-Russja, jew ikun għall-użu fir-Russja.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss mill-25 ta' April 2026 għall-bastimenti tat-tankers tal-LNG li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8901 20 irreġistrati taħt il-bandiera tar-Russja, iċċertifikati mir-Russian Maritime Register of Shipping, jew li huma proprjetà ta' jew ġestiti minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss mill-1 ta' Jannar 2027 għall-bastimenti tat-tankers tal-LNG li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8901 20 li joperaw fir-Russja jew għall-użu fir-Russja, għajr dawk irreġistrati taħt il-bandiera tar-Russja, iċċertifikati mir-Russian Maritime Register of Shipping, jew li huma proprjetà ta' jew ġestiti minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' bastiment fil-bżonn ta' assistenza li qed ifittex post ta' rifuġju, ta' waqfa f'port ta' emerġenza għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew għas-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar jew għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(16) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a), jiżdied il-punt li ġej:

"(iii) l-analiżi forensika militari ta' artikoli li joriġinaw fir-Russja rkuprat mill-Ukrajna; jew";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1b tal-Artikolu 3k, jew għall-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, għal użu mhux militari u għal utent finali mhux militari, maħsuba għal emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

3b. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-paragrafu 1b tal-Artikolu 3k, jew il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati, assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra jkunu neċessarji għal:

(a) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

(b) użu esklużiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Federazzjoni Russa.

(c) l-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp; jew

(d) il-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija ajrunawtika, li għalihom ma hija disponibbli l-ebda provvista alternattiva.";

(d) il-paragrafu 4 jitħassar;

(e) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-paragrafi 3a u 3b huma mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet u d-derogi stabbiliti fl-Artikolu 3k, u b'mod partikolari l-paragrafi 4a, 5 u 5b tiegħu.";

(17) L-Artikolu 5ad huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(d) ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi jew servizzi ta' pagament u toffri servizzi li jippermettu t-twettiq ta' tranżazzjonijiet internazzjonali, inkluż permezz ta' pagamenti minn kontijiet f'pajjiżi għajr ir-Russja, permezz ta' netting,permezz ta' permezz ta' tpaċija, permezz ta' rikonċiljazzjoni jew permezz ta' saldu, li jfixklu l-iskop tal-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament jew fir-Regolament (UE) Nru 269/2014, kif elenkati fil-Parti D tal-Anness XLV ta' dan ir-Regolament.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll fir-rigward ta':

(a) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem, jew taħt id-direzzjoni ta', entità msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (d) tal-paragrafu 1;

(b) entità li tipprovdi servizzi ta' kriptoassi jew servizzi ta' pagament li topera bħala mera jew entità suċċessur ta' entità msemmija fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1;

(c) entità li toffri servizzi ta' sostenn ekwivalenti għal dawk ipprovduti mill-entitajiet imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2b. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (c), servizz abilitanti ekwivalenti huwa servizz li jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) is-servizz jiġi offrut minn entità li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi jew servizzi ta' pagament;

(b) is-servizz huwa indirizzat lil klijenti Russi u għandu l-intenzjoni ddikjarata li jippermetti tranżazzjonijiet transfruntieri, inkluż permezz ta' pagamenti minn kontijiet f'pajjiżi għajr ir-Russja, permezz ta' netting, permezz ta' tpaċija, permezz ta' rikonċiljazzjoni jew permezz ta' saldu;

(c) is-servizz ma jeskludi l-ebda waħda mit-tranżazzjonijiet ipprojbiti skont dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) Nru 269/2014.";

(18) l-Artikolu 5ae huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għat-trasport marittimu ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti tal-petroleum, kif elenkati fl-Anness XXV, jew ta' prodotti minerali, li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja minn bastimenti li jipprattikaw prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192 (33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;";

(b) fil-paragrafu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(h) għal tranżazzjonijiet mal-port elenkat taħt l-entrata numru 7 fil-Parti A ta' l-Anness XLVII għax-xiri, l-importazzjoni jew it-transferiment ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet 7202 12 10 u NM 7224 90, ħlief jekk ikun ipprojbit b'mod ieħor b'dan ir-Regolament.";

(19) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 5ai*

1. Għandu jkun ipprojbit l-interazzjoni diretta jew indiretta fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament li bbenefikaw, inklużi billi joperaw fl-istess settur tas-suq, minn deċiżjoni skont id-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Nru 302 tal-25 ta' April 2023 kif emendat sussegwentement, skont il-Liġi Federali Nru 470-FZ tal-4 ta' Awwissu 2023 kif emendata sussegwentement, jew skont leġiżlazzjoni Russa relatata jew ekwivalenti, kif elenkata fl-Anness LIV.

2. Sakemm ma jkunux ipprojbiti mod ieħor, il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti, li x-xiri, l-importazzjoni u t-trasport tagħhom huma permessi skont dan ir-Regolament;

(b) strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u dawk tar-Regolament (UE) Nru 269/2014;

(c) mingħajr preġudizzju għall-punt (b) ta' dan il-paragrafu, strettament meħtieġa biex jiġu rkuprati d-danni skont:

(i) l-Artikolu 11a jew 11b ta' dan ir-Regolament; jew

(ii) l-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Artikolu 5aj

1. Għandu jkun ipprojbit l-interazzjoni diretta jew indiretta fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jfittxu l-infurzar 'il barra mill-Unjoni, jew jikkooperaw fl-infurzar, ta' sentenzi li jissodisfaw il-pretensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 11a, jew ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' jew jikkontrollaw dawk il-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, bl-eċċezzjoni ta' avukati u membri tal-ġudikatura, kif elenkati fl-Anness LV, Parti A.

2. Għandu jkun ipprojbit l-interazzjoni, diretta jew indiretta, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jfittxu l-infurzar 'il barra mill-Unjoni, jew jikkooperaw fl-infurzar,tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 11b, jew ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk il-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi jew jikkontrollawhom, bl-eċċezzjoni ta' avukati u membri tal-ġudikatura, kif elenkati fl-Anness LV, il-Parti B.

3. Sakemm ma jkunux ipprojbiti mod ieħor, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet li huma:

(a) meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti, li x-xiri, l-importazzjoni u t-trasport tagħhom huma permessi skont dan ir-Regolament;

(b) strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u ta'dawk tar-Regolament (UE) Nru 269/2014;

(c) mingħajr preġudizzju għall-punt (b) ta' dan il-paragrafu, strettament meħtieġa biex jiġu rkuprati d-danni skont:

(i) l-Artikolu 11a jew 11b ta' dan ir-Regolament; jew

(ii) l-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.";

(20) L-Artikolu 5ba huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5ba*

Għandu jkun ipprojbit l-interazzjoni, diretta jew indiretta, fi kwalunkwe tranżazzjoni li tinvolvi l-kriptoassi jew il-muniti diġitali tal-bank ċentrali elenkati fl-Anness LIII, jew l-għoti ta' kwalunkwe appoġġ għall-iżvilupp ta' tali kriptoassi jew muniti diġitali tal-bank ċentrali .";

(21) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 5bb*

1. Għandu jkun ipprojbit l-interazzjoni diretta jew indiretta fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi jew li hija pjattaforma li tippermetti l-iskambju jew it-trasferiment tal-kriptoassi u li jkunu stabbiliti fir-Russja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet:

(a) meħtieġa għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi sħab fir-Russja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(b) magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti tar-Russja u li kienu hekk qabel l-24 ta' Frar 2022.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-iżvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.

4. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika mill-24 ta' Mejju 2026.";

(22) l-Artikolu 5h, huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1a, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) meħtieġa għar-riċeviment ta' pagamenti dovuti minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fl-Anness XIV skont kuntratti u obbligi li jkunu saru qabel l-24 ta' April 2026";

(b) fil-paragrafu 1a, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(i) strettament neċessarji għall-pagament ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż marbutin mal-għoti ta' servizzi legali;

(j) li huma neċessarji għall-ħtiġijiet ta' organizzazzjonijiet intermedji ffinanzjati mill-Istat għall-politika kulturali barranija tal-Istati Membri fir-Russja.";

(23) L-Artikolu 5n huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(i) servizzi tas-sigurtà ġestiti.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika għall-forniment, dirett jew indirett, ta' servizzi mhux koperti mill-paragrafi 1 jew 2 lil rappreżentanza konsulari jew diplomatika tal-Federazzjoni Russa li tinsab fi Stat Membru, fejn dawk is-servizzi jkunu strettament meħtieġa għall-funzjonament ta' dik ir-rappreżentanza.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"8d. Il-paragrafu 1, il-punt (i) għandu japplika mill-25 ta' Mejju 2026;";

(24) fl-Artikolu 5t, il-paragrafu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) istituzzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka, universitajiet, stabbilimenti tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, organizzazzjonijiet mhux governattivi, korpi u aġenziji pubbliċi, kif ukoll impriżi u entitajiet oħra fis-setturi industrijali u kummerċjali, inklużi intraprizi mikro, żgħar, ta' daqs medju u kbar, li jwettqu azzjoni ta' riċerka u innovazzjoni, kif definit fir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(f) persuni fiżiċi assoċjati mal-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (e).

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tiegħu u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj).";

(25) fl-Artikolu 5q, il-kliem introduttorju tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikoli 2, 2a, 3, 3f u 3k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-ittranżitar tramite r-Russja tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija f'dawk l-Artikoli, jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, jew assistenza ta' finanzjament jew finanzjarja relatata, għat-tħaddim u l-manutenzjoni tal-Konsorzju għall-pipeline tal-Baħar Kaspju (CPC) u l-infrastruttura assoċjata meħtieġa għat-trasport ta' oġġetti li jaqgħu taħt NM 2709 00 li joriġinaw mill-Każakistan u li jkunu qed jitgħabbew, jitilqu minn jew jittranżitaw mir-Russja biss, skont dawk il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li:";

(26) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 5sa*

1. Għandu jkun ipprojbit l-interazzjoni diretta jew indiretta, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp li, skont id-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Nru 122 tal-15 ta' Frar 2024, id-Digriet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa Nru 1767 tat-18 ta' Ottubru 2021 kif emendat bir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 380 tas-27 ta' Marzu 2024, jew skont leġiżlazzjoni Russa relatata jew ekwivalenti jew skont kwalunkwe mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni oħra ta' qorti Russa, jkunu użati jew jużaw drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali li jkunu proprjetà ta' jew li huma liċenzjati lil persuna ġuridika fir-Russja li hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn persuna fiżika ta' Stat Membru jew minn persuna ġuridika inkorporata skont il-liġi ta' Stat Membru mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt,, kif elenkat fl-Anness LVI.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6b ta' dan ir-Regolament, il-persuni fiżiċi ta' Stat Membru jew il-persuni ġuridiċi inkorporati skont il-liġi ta' Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru bi kwalunkwe użu skont il-leġiżlazzjoni Russa msemmija f'dak il-paragrafu u mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt ta' kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali li jkunu proprjetà ta' jew li huma liċenzjati lill-persuni ġuridiċi li huma proprjetà tagħhom jew li jikkontrollaw fir-Russja.

3. L-Istati Membri infurmati minn detenturi tad-drittijiet f'konformità mal-paragrafu 2 min-naħa tagħhom għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-użu mingħajr kunsens tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali.";

(27) L-Artikolu 5v huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ċittadini Russi, li huma membri tal-persunal diplomatiku jew konsulari tar-Russja, jew membri tal-persunal amministrattiv u tekniku jew tal-persunal tas-servizz ta' missjonijiet diplomatiċi jew uffiċċji konsulari tar-Russja, jew il-membri tal-familja tagħhom, detenturi ta' permess ta' residenza validu, inkluż karti tal-identità diplomatiċi, jew viża valida maħruġa minn Stat ieħor, li biħsiebhom jivvjaġġaw lejn jew jgħaddu mit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru, abbażi ta' dak il-permess ta' residenza jew viża, għandhom jinnotifikaw lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernati bl-ivvjaġġar mhux aktar tard mill-aħħar jum tax-xogħol f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri, skont liema minnhom ikun l-aktar kmieni, qabel id-data maħsuba tad-dħul fit-territorju tagħhom, u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel dik id-data maħsuba tad-dħul.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Iċ-ċittadini Russi soġġetti għall-obbligu fil-paragrafu 1 għandhom iġorru kopja tan-notifika u jippreżentawha, fuq talba, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri kkonċernati mill-ivvjaġġar.";

(28) fl-Artikolu 11(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(d) kwalunkwe persuna fiżika ta' pajjiż terz li mhijiex ċittadin Russu u kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit f'pajjiż terz għajr ir-Russja, bl-eċċezzjoni ta' pajjiżi sħab elenkati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament, li jbigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw oġġetti, teknoloġija u servizzi, li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont dan ir-Regolament, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu jew għall-użu fir-Russja.";

(29) L-Artikolu 11a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11a*

1. Kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 13,il-punt (c) jew (d), għandha tkun intitolata tirkupra, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti ta' Stat Membru, kwalunkwe dannu dirett jew indirett, inkluż kostijiet legali, imġarrba minn dik il-persuni jew minn persuna ġuridika, entità jew korp li l-persuna msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (d), ikollha s-sjieda tagħhom jew tikkontrolla, bħala konsegwenza ta' lmenti mressqa ma' qrati f'pajjiżi terzi minn persuni, entitajiet u korpi msemmija f -Artikolu 11(1), il-punt (a), (b) jew (c), b'rabta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħha jkun ġie affettwat, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, dment li dik il-persuna kkonċernata ma jkollhiex aċċess effettiv għar-rimedji taħt il-ġuriżdizzjoni rilevanti. Tali danni jistgħu jiġu rkuprati mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fl-Artikolu 11(1), il-punt (a), (b) jew (c),li jkunu ppreżentaw il-pretensjonijiet fil-qrati fil-pajjiż terz, jew minn persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk l-entitajiet jew korpi jew li jikkontrollawhom.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c) jew (d), għandha tkun intitolata tirkupra, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti ta' Stat Membru, kwalunkwe dannu dirett jew indirett, inklużi spejjeż legali, imġarrba minn dik il-persuna jew minn persuna ġuridika, entità jew korp li l-persuna msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (d), tippossjedi jew tikkontrolla, bħala konsegwenza ta' inġunzjonijiet, ordnijiet, eżenzjonijiet, sentenzi jew deċiżjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi oħra mogħtija f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja, li jfittxu li jinfurzaw sentenzi li jilqgħu l-pretensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, dment li l-persuna kkonċernata ma jkollhiex aċċess effettiv għar-rimedji taħt il-ġuriżdizzjoni rilevanti. Tali danni jistgħu jiġu rkuprati mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi, li jfittxu jew jikkooperaw fl-infurzar ta' sentenzi li jilqgħu l-pretensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 f'pajjiż terz għajr ir-Russja, jew minn persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk l-entitajiet jew il-korpi jew jikkontrollawhom, bl-eċċezzjoni ta' avukati u tal-membri tal-ġudikatura, u bl-eċċezzjoni ta' persuni msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c) jew (d), jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li l-persuni msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (d), huma sidien tagħhom jew jikkontrollaw, li kontrihom ingħatat sentenza li tilqa' l-pretensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.";

(30) L-Artikolu 11b huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c) jew (d), għandha tkun intitolata tirkupra, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti ta' Stat Membru, kwalunkwe dannu dirett jew indirett, inklużi spejjeż legali, imġarrba minn dik il-persuna jew minn persuna ġuridika, entità jew korp li l-persuna msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (d), tippossjedi jew tikkontrolla, bħala konsegwenza ta' mandati ta' inibizzjoni, ordnijiet, eżenzjonijiet, sentenzi jew deċiżjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi oħra mogħtija f'pajjiż terz għajr ir-Russja, li jfittxu li jinfurzaw id-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa Nru 302 tal-25 ta' April 2023 kif sussegwentement emendat, skont il-Liġi Federali Nru 470-FZ tal-4 ta' Awwissu 2023 kif sussegwentement emendata, jew skont leġiżlazzjoni Russa relatata jew ekwivalenti, dment li tali deċiżjoni tkun illegali skont id-dritt konswetudinarju internazzjonali jew skont trattat bilaterali ta' investiment konkluż bejn l-Istat Membru rilevanti u l-ġuriżdizzjoni rilevanti, u dment li l-persuna kkonċernata inkella ma jkollhiex aċċess effettiv għar-rimedji taħt il-ġuriżdizzjoni rilevanti. Tali danni jistgħu jiġu rkuprati mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi, li jfittxu jew jikkooperaw fl-infurzar tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 f'pajjiż terz għajr ir-Russja, jew minn persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk l-entitajiet jew il-korpi jew jikkontrollawhom, bl-eċċezzjoni tal-avukati tagħhomu tal-membri tal-ġudikatura.";

(31) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 11ca*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 11a 11b, fil-każ li persuna msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament tkun bdiet proċedimenti quddiem qorti Russa b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament jew skont ir-Regolament (UE) Nru 269/2014, bi ksur ta' ġuriżdizzjoni esklużiva jew klawżola ta' arbitraġġ jew b'xi mod ieħor skont l-Artikolu 248.1 jew l-Artikolu 248.2 tal-Kodiċi tal-Proċedura ta' Arbitraġġ tal-Federazzjoni Russa jew leġiżlazzjoni Russa ekwivalenti, kontra persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament biex tikseb mandat ta' inibizzjoni, ordni, rimedju, sentenza jew deċiżjoni oħra tal-Qorti, il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu intitolati li jiksbu, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti ta' Stat Membru, ordni tal-qorti li tikkonferma l-ġuriżdizzjoni esklużiva jew il-klawżola ta' arbitraġġ u li tordna lill-persuna indikata fil-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 11(1) biex ma tibdiex jew ma tkomplix dawk il-proċedimenti legali. In-nuqqas ta' osservanza ta' dik l-ordni għandu jwassal għal penali finanzjarji proporzjonati għat-telf potenzjali li jista' jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament bħala riżultat ta' tali ksur. Il-pagament tal-penali finanzjarji imposti mill-qorti għandu jsir lill-persuna naturali jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament li ssottometta it-talba.";

(32) L-Artikolu 11d huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11d*

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, qorti ta' Stat Membru tista', fuq bażi eċċezzjonali, tisma' talba għad-danni mressqa skont l-Artikolu 11a, l-Artikolu 11b, l-Artikolu 11ca jew l-Artikolu 11e, dment li l-każ ikollu konnessjoni suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti invokata.";

(33) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(34) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(35) l-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(36) l-Anness XIV huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(37) l-Anness XVIII huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(38) l-Anness XXI huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(39) l-Anness XXIII huwa emendat f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament;

(40) l-Annessi XXIIIE, XXIIIF u XXIIIG jitħassru;

(41) l-Anness XXIIIH jiżdied f'konformità mal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;

(42) l-Anness XXV huwa emendat f'konformità mal-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

(43) l-Anness XXIX huwa emendat f'konformità mal-Anness X ta' dan ir-Regolament;

(44) l-Anness XXXIII huwa emendat f'konformità mal-Anness XI ta' dan ir-Regolament;

(45) l-Anness XXXVII huwa emendat f'konformità mal-Anness XII ta' dan ir-Regolament;

(46) l-Anness XLII huwa emendat f'konformità mal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament;

(47) l-Anness XLIV huwa emendat f'konformità mal-Anness XIV ta' dan ir-Regolament.

(48) l-Anness XLV huwa emendat f'konformità mal-Anness XV ta' dan ir-Regolament.

(49) l-Anness XLVII huwa emendat f'konformità mal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament;

(50) l-Anness LI huwa emendat f'konformità mal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament;

(51) l-Anness LIII huwa emendat f'konformità mal-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament.

(52) jiżdied l-Anness LIV f'konformità mal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament;

(53) jiżdied l-Anness LV f'konformità mal-Anness XX ta' dan ir-Regolament;

(54) jiżdied l-Anness LVI f'konformità mal-Anness XXI ta' dan ir-Regolament;

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. RAOUNA

ANNESS I

Fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 l-intestatura "Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 3" u t-tabella li takkumpanjaha huma mħassra.

ANNESS II

Fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdiedu l-entitajiet li ġejjin:

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
"862.	Epic Shipping & Shipbuilding JSC Isem lokali: EPIC Denizcilik ve Gemi Insaat A.S.	Indirizz: Room 15, Floor 2, Lantana Plaza, Zinnur Str. 3, İçmeler, 34947 Tuzla, İstanbul, Republic of Türkiye Telefown: 0216 4461686 Siti web: https://www.epicdeniz.com/; https://epicdeniz.com.tr/ Email: info@epicdeniz.com Numru tar-reġistrazzjoni: 160825-5 (Numru tar-Reġistrazzjoni); 1150676-0 (Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kamra)	23.4.2026
863.	CJSC Perspective Technologies Agency magħrufa wkoll bħala: JSC UPT; Aktsionernoe obshchestvo upravlenie perspektivnykh tekhnologii; Management of Prospective Technologies Isem lokali: АО УПТ (АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'УПРАВЛЕНИЕ ПЕРСПЕКТИВНЫХ ТЕХНОЛОГИЙ')	Indirizz: Building 2, Samokatnaya Street 1, 111033 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 499 323 3710 Email: mail@upt.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7723022111 (INN)	23.4.2026
864.	LLC Mossklad Isem lokali: ООО Мосскład	Indirizz: Office 3107, Kronstadstky Boulevard 35B, 125499 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 150 85 87 Sit web: https://mossklad.ru Email: info@mossklad.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7703597369 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
865.	LLC Stanki Optom Magħrufa wkoll bħala: Stanki LLC Isem lokali: ООО Станки Оптом	Indirizz: Kronstadstky Boulevard 35B, 125499 Moscow, Russian Federation Sit web: https://stankiopt.ru Email: info@stankiopt.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7743850924 (INN)	23.4.2026
866.	LLC Promoil Magħrufa wkoll bħala: LLC Promol Isem lokali: ООО Промойл	Indirizz(i): 9 Khokhryakova Street, 614068 Perm, Perm Region, Russian Federation; Room 7, 115B Promyshlennaya Street, Perm, Perm Region, 614065, Russian Federation Telefown: +7 3422 181440 Sit web: https://promoil.com/ Email: office@promoil.com Numru tar-reġistrazzjoni: 5904112229 (INN)	23.4.2026
867.	LLC TPF Promoil Magħrufa wkoll bħala: Torgovo-Proizvodstvennaya Firma Promoil Isem lokali: ООО ТПФ Промойл	Indirizz: Room 8, 115B Promyshlennaya Street, Perm City, Perm Region, 614055, Russian Federation Telefown: +7 342 2181440 Numru tar-reġistrazzjoni: 5903060560 (INN)	23.4.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/506/oj

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
868.	LLC Legion Komplekt Magħrufa wkoll bħala: LLC Leko Isem lokali: ООО ЛЕГИОН КОМПЛЕКТ	Indirizz: 17 Vavilova Str., 117312 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 499 391 22 27 Sit web: https://legion-komplekt.ru/ Email: sales@legion-komplekt.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7743208298 (INN)	23.4.2026
869.	O G Services FZE LLC Isem lokali: او.جي. سيرفيسيز م.م.ح/ذ.م.م	Indirizz: A-29-01-02-06, Flamingo Villas, Ajman, United Arab Emirates Telefown: +971526810027; +971526810027 Sit web: https://ogservicesfz.com/ Email: sunnysolutions2020@gmail.com Numru tar-reġistrazzjoni: 11641010 (Numru tal-Kumpanija); 1969 (Numru tan-Negozju)	23.4.2026
870.	Al Baraka Group for Investment and Trading LLC FZ	Indirizz: Business Center 1, M Floor, The Meydan Hotel, Nad Al Sheba, Dubai, United Arab Emirates Telefown: 971-503-394677 Sit web: https://albaraka-trade.com/ Email: contact@albaraka-trade.com	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
871.	Jiangxi Xintuo Enterprise Magħrufa wkoll bħala: Jiangxi Xintuo Industrial Co. Ltd.; T-Motor Isem lokali: 江西新拓实业有限公司	Indirizz: 24th floor, Building B, 3399 Ziyang Avenue, 330096 Nanchang, Jiangxi Province, People's Republic of China Numru tar-reġistrazzjoni: 913601063432410l7B (USCC)	23.4.2026
872.	KingMax Hobby Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: KingMax High Performance Servos; Dongguan Binong Technology Co. Ltd.; Dongguan Binong Aviation Paishe Technology Co. Ltd.; Guangdong Beyond Aviation Photography Technology Co. Ltd Isem lokali: 东莞碧浓科技有限公司	Indirizz(i): Room 703, 10th Building, No. 6 DuiTangHualing 1st Road, Chashan Town, Dongguan City, 523393, Guangdong Province, People's Republic of China Telefown: +86 769 82680289 Sit web: http://www.kingmaxhobby.com Email: sales@kingmaxhobby.com Numru tar-reġistrazzjoni: 914419005517077668 (USCC)	23.4.2026
873.	LLC Altrabeta Isem lokali: ООО Альтрабета	Indirizz(i): Room 3-4, Building A, Block 5, 13 Promyshlennaya Str., 198095 Saint Petersburg, Russian Federation; Per. 1-I Verkhnii d. 6, lit. A, office 211, 194292 Saint Petersburg, Russian Federation Telefown: +7 9062 615055 Numru tar-reġistrazzjoni: 7802646313 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
874.	Woeroon Electronic Sourcing Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Wo Rong Electronics Co. Ltd.; Woeroon Electronic Resource Ltd. Isem lokali: 沃融電子有限公司	Indirizz(i): Workshop A27 24/F, Regent's Park Prince Industrial Bldg, No. 706 Prince Edward Rd East Kowloon, Hong Kong; Flat 7A, 3/F, Winsum Industrial Bldg 588-592 Castle Peal Road, Lai Chi Kok, KL, Hong Kong; 605, Building L2, Exhibition Bay South Bank, Zhancheng Community, Fuhai Street, Bao'an, Shenzen, People's Republic of China Telefown: +852 94968367 Sit web: http://www.woeroon.com.hk/ Email: sales@woeroon.com.hk Numru tar-reġistrazzjoni: 1891196 (TRN); 61273507 (BRN)	23.4.2026
875.	CoYuan Century Development Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Hong Kong Keyuan Century Development Co. Ltd. Isem lokali: 香港科源世紀發展有限公司	Indirizz(i): Room 701, Unit 108, 7/f, Tower b, New Mandarin Plaza, 14 Science Museum Road, Tsim Sha Tsui, Kowloon, Hong Kong; Shop 185 G/F, 11111 Tuen Mun, Hang, Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 3282394 (TRN); 75349736 (BRN)	23.4.2026
876.	Shenzhen Youbang Shida Freight Forwarding Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Shen Zhen You Bang Shi Da Freight Forwarding Co. Ltd.; Shenzhen Youbang Star Freight Forwarding Co. Ltd.; Amigo Cargo Services Ltd. Isem lokali: 深圳友邦仕达货运代理有限公司	Indirizz: Office 711, Building 4, Tongtai Times Centre, Fuhai Str., 518100 Shenzhen, Guangdong Province, People's Republic of China Telefown: +86 0755 27205071 Sit web: https://www.amigocargo.biz/ Email: info@amigocargo.biz Numru tar-reġistrazzjoni: 91440300MA5DQL3N4G (USCC)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
877.	Beijing Timingtron Corporation Magħrufa wkoll bħala: Beijing Tianmei Technology Co. Ltd.; Beijing Tianmei Chuang Technology Co. Ltd. Isem lokali: 北京天美创科技有限公司	Indirizz: Room 211, 2nd Floor, Building 1, Shuangyuan Road 9, 100040 Beijing, People's Republic of China Telefown: +86 15910710610 Sit web: www.timingtron.com Email: 335807548@qq.com Numru tar-reġistrazzjoni: 911101075636661567 (USCC)	23.4.2026
878.	Global Link Logistics Isem lokali: 深圳市世联国际货运代理有限公司	Indirizz: Unit 33D, Block B, Honglong Century Plaza, Heping Road, Luohu District, 518021 Shenzhen, Guangdong Province, People's Republic of China Telefown: +86 0755 82147503; +86 755 82147490 Sit web: http://www.globallink.cn/ Numru tar-reġistrazzjoni: 914403007917362245 (USCC)	23.4.2026
879.	LLC Eltech Components Isem lokali: ООО Элтех Компонент	Indirizz: Pl Konstitutsii 3, B-TS Piramida, 196247 Saint Petersburg, Russian Federation Telefown: +7 812 3279090 Sit web: www.eltech.spb.ru Email: info@eltech.spb.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7810540857 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
880.	Izhevsk Raviozavod OAO Magħrufa wkoll bħala: Izhevsk Radioplant; IRZ OAO Isem lokali: ИЖЕВСКИЙ РАДИОЗАВОД; АО ИРЗ	Indirizz: 19 Bazisnaya St., 426034 Izhevsk, Udmurt Republic, Russian Federation Telefown: +7 3412 501501; +7 341 2500404 Sit web: https://www.irz.ru Email: disp@irz.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1833013253 (INN)	23.4.2026
881.	IRZ Tek Isem lokali: ООО Ирз ТЭК	Indirizz: 19 Bazisnaya St., 426034 Izhevsk, Udmurt Republic, Russian Federation Telefown: +7 3412 501501 Sit web: https://oil.irz.ru/ Email: tek@irz.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1833033690 (INN)	23.4.2026
882.	Radiozavod Zao Magħrufa wkoll bħala: JSC Paket; JSC Package Isem lokali: АО Пакет	Indirizz: 19 Bazisnaya St., 426034 Izhevsk, Udmurt Republic, Russian Federation Telefown: +7 912 8700638 Sit web: http://zao-paket.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1833010911 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
883.	Izhevskii Radiozavod Magħrufa wkoll bħala: Izhevskiy Radiozavod; LLC Izhevsk Radio Plant; Branch of the LLC Izhevsk Radio Plant in Moscow KB Robotics Isem lokali: ООО ИРЗ	Indirizz: 19 Bazisnaya St., 426034 Izhevsk, Udmurt Republic, Russian Federation Telefown: +7 3412 487824 Sit web: https://www.irz.ru Email: disp@irz.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1833026870 (INN)	23.4.2026
884.	Finder Technology Ltd. Isem lokali: 超達科技有限公司	Indirizz(i): Camel Paint Building Block 3, 60 Hoi Yuen Rd, Kwun Tong, Hong Kong; Unit A, 7/F, Yeung Yiu Chung, No. 7 Industrial Building, 2 Fung Yip Street, Chai Wan, Hong Kong Telefown: +852 3693 4608 Sit web: https://www.findertechnology.com/ Email: purchasing@findertechnology.com Numru tar-reġistrazzjoni: 0960469 (TRN); 35585540 (BRN)	23.4.2026
885.	Inner Mongolia Asia Europe International Logistics Limited Co. Isem lokali: 内蒙古亚欧国际物流有限责任公司	Indirizz: 9th Floor, Building E, Central Business Plaza, 012000 Ulaanchabu City, Inner Mongolia Autonomous Region, People's Republic of China Telefown: +86 13500641757 Numru tar-reġistrazzjoni: 150900020252300 (TRN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
886.	Shanghai Welltech Electronic Trading Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Shanghai Weierstai Electronic Trading Co. Ltd.; Shanghai Weiter Stein Electronic Trading Co. Ltd.; Shanghai Weiersite Electronic Trading Co. Ltd.; Shanghai Welltech Industrial Automation Co. Ltd. Isem lokali: 上海威洱斯泰电子贸易有限公司	Indirizz: Room 707, No. 1333 Wenju Road, Pilot Free Trade Zone, Pudong New Area, Shanghai, People's Republic of China Telefown: +86 021-52660800 Numru tar-reġistrazzjoni: 91310115MABYFCP95K (USCC)	23.4.2026
887.	Beliv Ltd. Isem lokali: ООО БЕЛИВ	Indirizz: 1 Derbenevskaya Str., 115114 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 7416534 Sit web: http://www.beliv-el.ru Email: sales@beliv-el.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7725505636 (INN)	23.4.2026
888.	LLC T1 Isem lokali: ООО Т1	Indirizz: Office 198, 7/1 Korovii Val Str., Yakima District, 119049 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 988 62 19 Sit web: www.oct1.ru Email: ktk@oct1.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9705058824 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
889.	Abingo Distributor Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Bingou Technology (Hong Kong) International Trade Co. Ltd.; Abinho Dystrybiutor Limited Isem lokali: 繽購科技香港國際貿易有限公司	Indirizz: Room 803, 8/F Easey Comm Building, 253-261 Hennessy Rd, Wanchai, Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 2568101 (TRN), 68085539 (BRN)	23.4.2026
890.	LLC Chainchip Magħrufa wkoll bħala: LLC Cheynchip Isem lokali: ООО Чейнчип	Indirizz: Building 1A, 20 Kulakova Street, Strogino Municipal District, 123592 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 1034394 Sit web: https://chainchip.ru/ Email: sales@chainchip.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7705406940 (INN)	23.4.2026
891.	LLC Gaderia Magħrufa wkoll bħala: Gamma Ltd. Isem lokali: ООО Гадерия	Indirizz: Nekrasova Str. 19, 188800 Vyborg, Leningrad Oblast, Russian Federation Telefown: +7 813 7831509 Sit web: http://www.icgamma.ru Email: sale@icgamma.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 4704031242 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
892.	AI Electronic Componets PTE Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Intelligent Electronic Components Co. Ltd. Isem lokali: 智能電子元件有限公司	Indirizz(i): Flat E19, 10/F, No 52, Hung To Road, Hong Kong; Room 516 5/F Kam Teem Industria Building 135 Connaught Road West, Sai Wan, Sai Ying Pun, Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 74815130 (BRN); 3229195 (TRN)	23.4.2026
893.	LLC Advanced Planet Magħrufa wkoll bħala: Edvansd Planet Isem lokali: ООО двансд Планет	Indirizz: Office 901-2, Section 2, Building 1, Pokhodny Ave. 4, 125373 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 909 9548118 Numru tar-reġistrazzjoni: 7716852680 (INN)	23.4.2026
894.	Bamgroup LLC Magħrufa wkoll bħala: Bamgrupp LLC Isem lokali: ООО Бамгрупп	Indirizz: Room 1n/6, Building 1, Ulansky Lane 22, 101000 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 2129368 Sit web: www.bamgroup.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7725318379 (INN)	23.4.2026
895.	SoVa Distribution Ltd.	Indirizz: Unit 617, 6/F, 131-132 Connaught Road West, Solo Workshops, Hong Kong; Office 77, 7/F, Woon Lee Commercial Building, 7 Austin Ave., Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 3220535 (TRN), 74727167 (BRN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
896.	LLC Effektec Magħrufa wkoll bħala: Effektivnye Tekhnologii Isem lokali: ООО Эффектек	Indirizz: Room 1/13, Building 2, Novodmitroskaya Str. 2, 127015 Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 7723910653 (INN)	23.4.2026
897.	Shenzhen Sieryou Technology Co. Ltd. Isem lokali: 深圳市斯尔优科技有限公司	Indirizz: 18th Floor, Yifang Building, No. 315 Shuangming Avenue, Dongzhou Community, Guangming Street, 518107 Shenzhen, Guangdong, People's Republic of China Telefown: +86 13544116689 Numru tar-reġistrazzjoni: 91440300360134563F (USCC)	23.4.2026
898.	Tellur Elektroniks LLC Isem lokali: ООО ТЕЛЛУР ЭЛЕКТРОНИКС	Indirizz(i): Building 1, Profsoyuznaya Str. 65, Konkovo District, 117342 Moscow, Russian Federation; Room 49, Floor 4, Butlerova Str. 17, 117342 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 2807448 Sit web: https://tellur-el.ru/ Email: info@tellur-el.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7720355306 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
899.	NPP Variant Magħrufa wkoll bħala: LLC NPP Variant Group Isem lokali: ООО НПП ВАРИАНТ ГРУПП	Indirizz: Room 1/2, Building 1, Baumanskaya Str. 43/1, 105005 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 916 7898010 Sit web: https://www.nppvg.ru/ Email: info@nppvg.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9729210267 (INN)	23.4.2026
900.	Lumos LLC Magħrufa wkoll bħala: Lyumos LLC Isem lokali: ООО ЛЮМОС	Indirizz: Room 62, Building V, Radishcheva Str. 39, 191123 Saint Petersburg, Russian Federation Telefown: +7 9214 035267 Numru tar-reġistrazzjoni: 7842121055 (INN)	23.4.2026
901.	Promtek LLC Isem lokali: ООО ПРОМТЭК	Indirizz(i): Building 2, Yakhromskaya Str. 1A, 127411 Moscow, Russian Federation; Office 1/p, Building 1, Shvernika Str. 16, 117449 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 499 3919825 Sit web: http://promtekmsk.ru/ Email: info@promtekmsk.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7713411542 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
902.	Mavitech LLC Isem lokali: ООО МАВИТЕХ	Indirizz: Room 404M, Building 3, Perekopskaya Str. 34, 117461 Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 9727075380 (INN)	23.4.2026
903.	Applied Robotics LLC Magħrufa wkoll bħala: Prikladnaya Robototekhnika Isem lokali: ООО ПРИКЛАДНАЯ РОБОТОТЕХНИКА	Indirizz: Office 2/35, Floor 10, Building 1, Beregovoy Ave. 5A, 121087 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 1420235 Sit web: https://robotgeeks.ru/; https://appliedrobotics.ru/ Email: support@robotgeeks.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7730697556 (INN)	23.4.2026
904.	NPO Ufimets Magħrufa wkoll bħala: Nauchno-Proizvodstvennoe Obyedinenie Ufimets Isem lokali: ООО НПО УФИМЕЦ	Indirizz: Proezd Vtoroi Street 8, MKR Industrialnyi Park, 450028 Saint Petersburg, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 0245972204 (INN)	23.4.2026
905.	Avtokom Motor LLC Magħrufa wkoll bħala: Avtocom Motor LCC Isem lokali: ООО Автоком Мотор	Indirizz: Office 17/18, Unit 8, 18 Azarovskaya Str., 248017 Kaluga, Russian Federation Telefown: +7 4842 579183 Numru tar-reġistrazzjoni: 4028046482 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
906.	LLC DeltaTech Magħrufa wkoll bħala: Deltatekh Isem lokali: ООО Дельтатех	Indirizz: Novo-Sadovaya Str. 224A, 443029 Samara, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 6316245174 (INN)	23.4.2026
907.	LLC Santross Isem lokali: ООО САНТРОСС	Indirizz: Room 475M/2, Building 1, Presnenskaya Embankment 8, 123112 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 905 7922050 Email: sse10@mail.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7703469600 (INN)	23.4.2026
908.	NeWay Technology Ltd.	Indirizz(i): Unit 606, 6 Floor, Celebrity Commercial Centre, 64 Castle Peak Road, Sham Shui Po, Kowloon, Hong Kong; Unit D7, 3/F., Block D, 18-24 Kwai Cheong Road, Mai Shun Industrial Building, Kwai Chung, N.T., Hong Kong; Room 1206, Hua Lianfa West Building, Hua Qiang North Road, Futian District, Shenzhen, Guangdong Province, People's Republic of China Telefown: +852-3468-8553 Sit web: http://www.nwtech.hk Numru tar-reġistrazzjoni: 39510585 (BRN), 1252800 (TRN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
909.	Etai Technology Shenzhen Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Russia-Thailand Technology (Shenzhen) Co. Ltd.; Outai Technology (Shenzhen) Co. Ltd. Isem lokali: 俄泰科技（深圳）有限公司	Indirizz(i): Room 1206, Hualianfa Building, Huaqiang North Road 2006, Futian District, Shenzhen, Guangdong Province, People's Republic of China; Fuhing Road 9, World Trade Plaza, Futian District, 518000 Shenzhen, Guangdong Province, People's Republic of China Telefown: +86 13570885633 Numru tar-reġistrazzjoni: 91440300553853134A (USCC)	23.4.2026
910.	Meryn Dis Ticaret Limited Sirketi	Indirizz: No. 18, 1471st Str., Alsancak, 35220 Konak, Izmir Province, Republic of Türkiye Telefown: +90 232 402 64 64 Sit web: https://meryn.com.tr/ Email: info@meryn.com.tr Numru tar-reġistrazzjoni: 247646 (TRN)	23.4.2026
911.	Abem Global Ithalat Ihracat Anonim Sirketi	Indirizz: No. 20, Block H, Corapcilar, Ikitelli Industrial Zone, Basaksehir District, 34490 Istanbul, Republic of Türkiye Numru tar-reġistrazzjoni: 1001816 (TRN)	23.4.2026
912.	Autoteile Dis Ticaret Limited Sirketi	Indirizz(i): No. 365, Flora Residence 1, Defne Str., Kücükbakkalköy Neighbourhood, Atasehir District, Istanbul, Republic of Türkiye Numru tar-reġistrazzjoni: 401990-5 (TRN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
913.	Sure Technology (Hong Kong) Co. Ltd. Isem lokali: 易准科技（香港）有限公司	Indirizz(i): Room 1318, 13th Floor, Sunbeam Centre, 27 Shing Yip Street, Kwun Tong, Kowloon, Hong Kong; Unit 1406A, 14/F, The Belgian Bank Building, 721-725 Nathan Road, Mong Kok, Kowloon, Hong Kong Telefown: +8613670120272 Sit web: www.surecompany.com.cn/ Email: info@surecompany.com.cn Numru tar-reġistrazzjoni: 73713787 (BRN); 3120008 (TRN)	23.4.2026
914.	Horsway Tech (HK) Co. Ltd. Isem lokali: 宏芯微科技(香港)有限公司	Indirizz(i): Room 1318, Sunbeam Centre, 27 Shing Yip Street, Kwun Tong, Kowloon, Hong Kong; Room 2003, 20/F Hong Kong Plaza, 188 Connaught Road West, Hong Kong Telefown: 0755 2690 74432 Sit web: https://horsway.site.joinf.com/ Email: info@horsway.com Numru tar-reġistrazzjoni: 50859819 (BRN), 1350711 (TRN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
915	RC-All Electronics Group Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: R&C Alliance Electronics Group	Indirizz(i): Unit 811, Beverley Commercial Centre, 87-105 Chatham Road South, Tsim Sha Tsui, Kowloon, Hong Kong; Room 12A1, Block A, Zhonghangbeiyuan Building, No. 42 Zhonghang Road, Futian District, Shenzhen, Guangdong Province, People's Republic of China Telefown: +7 495 248 01 82 Sit web: https://www.rc-all.com/ Email: sales@rc-all.com Numru tar-reġistrazzjoni: 72456934 (BRN); 3000068 (TRN)	23.4.2026
916.	New Wally Target Isem lokali: 紐沃泰國際貿易有限公司	Indirizz(i): Room 4, 16/F, Ho King Commercial Centre, 2-16 Fayuen Str., Mongkok Kowloon, Hong Kong; Room B3, 19/F Tung Lee Commercial Building, 91-97 Jervois Str., Sheung Wan, Hong Kong Sit web: http://newwallytarget.com Email: 45245795@qq.com Numru tar-reġistrazzjoni: 69586803 (BRN); 2717220 (TRN)	23.4.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/506/oj

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
917.	Jinmingsheng Technology HK Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Jinmingsheng Technology (HK) Co. Ltd. Isem lokali: 金銘盛科技(香港)有限公司	Indirizz(i): Room 803B, Floor 8, West Coast International Building, 290-296 Yuen Chau Str., Cheung Sha Wan, Kowloon, Hong Kong; Room 1838, Guoli Building, Zhonghang Road, Futian District, Shenzhen, People's Republic of China; Room 61868 6/F, Golconda Trade Center, 163 Zhenhua Rd, Futian District, Shenzhen, People's Republic of China Telefown: +86 755 23815714 Siti web: http://www.jms668.com/; https://jinmingsheng.hkinventory.com/Shop/Page_Contacts.asp Numru tar-reġistrazzjoni: 50093445 (BRN); 1292952 (TRN)	23.4.2026
918.	JSC K-Technologies Magħrufa wkoll bħala: AO RTI Isem lokali: АО К-ТЕХНОЛОГИИ	Indirizz: 7Ac30 Staropetrovsky Proezd, 125130 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 788-00-07 Siti web: https://www.k-tech.ru; https://www.aorti.ru Email: inbox@k-tech.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7713723559 (INN)	23.4.2026

Numru	Isem	Informazzjoni identifikanti	Data tal-elenkar
919.	LLC Scientific Production Association Computing Systems Magħrufa wkoll bħala: Nauchno-Proizvodstvennoe Obyedinenie Vychislitelnykh Sistem; LLC NPO VS Isem lokali: ООО НАУЧНО-ПРОИЗВОДСТВЕННОЕ ОБЪЕДИНЕНИЕ ВЫЧИСЛИТЕЛЬНЫХ СИСТЕМ	Indirizz: Office 2, Zhurnalistov Str. 30, 420088 Kazan, Russian Federation; NIISSU Building, Starokaluzhskoe Highway 58, 117630 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 843 208 00 40 Sit web: https://npo-vs.ru Email: npovs@bk.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1660093042 (INN)	23.4.2026
920.	LLC Unimatic Magħrufa wkoll bħala: LLC Unimatik; Unimatic Ltd Local name: ООО Униматик	Indirizz: Vostochnaya Str. 45, 620100 Yekaterinburg, Sverdlovsk Oblast, Russian Federation Telefown: +7 343 289 9020 Email: sales@unimatic.ru; hotline@unimatic.ru Sit web: https://unimatic.ru/ Numru tar-reġistrazzjoni: 6672197493 (INN)	23.4.2026
921.	TAB Corporation (Thailand) Co. Ltd Isem Lokali: ทีเอบี คอร์เปอร์เรชั่น (ไทยแลนด์) จำกัด	Indirizz: 4F, 850/21 Ladkrabang 30/5 Road, Ladkrabang, Bangkok 10520, Kingdom of Thailand Telefown: +66 2 038 9995 Sit web: www.tabcorp.co.th Email: bkk@tabcorp.co.th Numru tar-reġistrazzjoni: 0105566093417	23.4.2026.”

ANNESS III

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, it-taqsima X.C.VIII.004, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"ee. Amatol (CAS 8006-19-7);

ff. Nitroglikol (CAS 628-96-6); jew

gg. Klorur tal-pikril (CAS 88-88-0).";

(2) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, it-taqsima X.C.VIII.005, l-entrata a. hija sostitwita b'dan li ġej:

"a. Diisoċjanat tat-toluwen, fi kwalunkwe forma isomerika (CAS 584-84-9, 91-08-7, 26471-62-5);";

(3) fil-Parti A, il-Kategorija IX, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

"X.C.IX.017 Materjali lubrifikanti, fluwidi u addittivi tagħhom, mhux ikkontrollati minn 1C006, kif ġej:

a. Żjut lubrifikanti li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. 'Punt ta' tferriegħ' ta' 218,15 K (-55 °C) jew inqas; kif ukoll

2. 'Punt ta' fjammabbiltà' ta' 478,15 K (205 °C) jew ogħla;

Noti Tekniċi:

1. *Għall-fini tal-kontroll X.C.IX.017, il-'punt tat-tferrigħ' jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu deskritt fl-ISO 3016 jew tal-'istandards ekwivalenti'.*

2. *Għall-fini tal-kontroll X.C.IX.017, il-'punt ta' fjammabbiltà' jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu deskritt fl-ISO 2592 jew tal-'istandards ekwivalenti'*

b. Żjut lubrifikanti li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

1. Temperatura operatorja minima ta' inqas minn 233,15 K (-40 °C);

2. Temperatura operatorja massima ta' iktar minn 413,15 K (140 °C); kif ukoll

3. 'Punt ta' taqtir' ta' 523,15 K (250 °C) jew ogħla;

Nota Teknika:

Għall-fini tal-kontroll X.C.IX.017, il-'punt ta' taqtir' jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodu deskritt fl-ISO 2176 jew tal-'istandards ekwivalenti'.

c. Fluwidi ta' smorzament jew ta' flotazzjoni li fihom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Dibromotetrafluworoetan (CAS 25497-30-7, 124-73-2, 27336-23-8);

2. Poliklorotrifluworoetilen (CAS 9002-83-9); jew

3. Polibromotrifluworoetilen (CAS 55157-25-0);

d. Fluwidi fluworokarburi li fihom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Forom monomeriċi ta' perfluworopolialkiletere-trijażini jew ta' eteri perfluworoalifatiċi;

2. Perfluworoalkilamini;

3. Perfluworoċikloalkani; jew

4. Perfluworoalkani;

e. Fluwidi manjetoreoloġiċi.

f. Addittivi, kif ġej:

1. Alkildifenilamini (numru CAS 68921-45-9);
2. Antiossidant BX AO 5057 (CAS 68411-46-1);
3. Butilidrossjaniżol (CAS 25013-16-5);
4. Butilidrossitoluwen (CAS 128-37-0);
5. Dialkilditijokarbamati:
   a) Dialkilditijokarbamat tal-molibdenu (CAS 253873-83 5);
   b) Dietilditijokarbamat taż-żingu (CAS 14324-55-1);
   c) Dimetilditijokarbamat tal-bismut (CAS 21260-46-8);
6. 6. Disulfidi:
   a) Disulfur tal-molibdenu (CAS 1317-33-5);
   b) Disulfur tat-tungstenu (CAS 12138-09-9);
7. Ditijofosfati:
   a) Ditijofosfat tal-molibdenu (CAS 72030-25-2);
   b) Ditijofosfati taż-żingu (CAS 19210-06-1);
8. N-fenil-1,1,3,3-tetrametilbutilnaftalen-1-ammina (CAS 90-30-2);
9. Fosforotijoat tat-trifenil (CAS 597-82-0);
10. Fosfat tat-trikresil; jew
11. Dialkilditijofosfat taż-żingu (CAS 68649-42-3 u 68457-79-4).";

(4) fil-Parti B, it-Tabella "10. Mixxellanju", tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
"7017	Oġġetti tal-ħġieġ għal-laboratorju jew għal finijiet iġjeniċi jew farmaċewtiċi, kemm jekk immarkati bil-qisien jew ikkalibrati jew le".

ANNESS IV

Fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Isem tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp	Dħul fis-seħħ
"Public Joint Stock Commercial Bank 'DERZHAVA'	14.5.2026
Joint Stock Company BCS Bank	14.5.2026
Public Joint Stock Company 'LEVOBEREZHNY'	14.5.2026
Public Joint Stock Company SCB 'Metallinvestbank'	14.5.2026
Joint Stock Company Commercial Bank 'Solidarnost'	14.5.2026
Limited Liability Company Bank Blanc	14.5.2026
Limited Liability Company BANK ITURUP	14.5.2026
Joint-Stock Commercial Bank 'EVROFINANCE MOSNARBANK'	14.5.2026
Joint Stock Commercial Bank FORA-BANK	14.5.2026
Joint Stock Company Bank Russian Standard	14.5.2026
Public Joint Stock Company Ural Bank for Reconstruction and Development	14.5.2026
Chelyabinvestbank	14.5.2026
Joint Stock Company 'Petersburg Social Commercial Bank'	14.5.2026
Public Joint Stock Company 'SDM-Bank'	14.5.2026
Joint Stock Company 'Bank Avers'	14.5.2026
Commercial Bank 'Khlynov' (Joint Stock Company)	14.5.2026
Joint Stock Company 'Post Bank'	14.5.2026
Limited Liability Company Wildberries Bank	14.5.2026
Joint Stock Bank 'AVANGARD'	14.5.2026
Joint Stock Investment Commercial Bank 'ENISEISK UNITED BANK'	14.5.2026."

ANNESS V

L-Anness XVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella (15), jitħassru l-entrati li ġejjin:

“ex	8414 51	Fannijiet għall-mejda, għall-art, għall-ħajt, għat-tieqa, għas-saqaf jew għall-bjut b’mutur elettriku fihom stess b’output ta’ mhux iktar minn 125 W
ex	8414 59 00	Fannijiet oħrajn
ex	8414 60 00	Hoods b’ġenb orizzontali massimu mhux iktar minn 120 cm”.

(2) fit-Tabella (17), jitħassru l-entrati li ġejjin:

“ex	4011 10 00	Tat-tip li jintużaw fuq il-karozzi (inkluż l-istation wagons u l-karozzi tat-tlielaq)
ex	4011 40 00	Tat-tip li jintużaw fuq il-muturi
ex	4011 90 00	Oħrajn”.

ANNESS VI

L-Anness XXI tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej

(1) jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
"2501	Melħ (inkluż melħ tal-mejda u melħ denaturat) u klorur tas-sodju pur, kemm jekk maħlul f'soluzzjoni milwiema jew b'kontenut miżjud ta' aġenti antiagglomeranti jew ta' aġenti li jiżguraw fluwidità tajba u kemm jekk le; ilma baħar
2517	Ċagħaq, żrar, ġebel imkisser jew imfarrak, li ġeneralment jintuża għall-aggregati tal-konkos, għat-tiswijiet tat-toroq jew tal-ferroviji jew saborra, ċagħaq żgħir u żnied, kemm jekk ittrattati bis-sħana u kemm jekk le; makadam tal-gagazza, ħmieġ tal-metall jew skart industrijali simili, kemm jekk ikollhom magħhom il-materjali msemmijin fl-ewwel parti tal-intestatura u kemm jekk le; makadam bil-qatran; granuli, laqx u trab, tal-ġebel tal-intestatura 2515 jew 2516, kemm jekk ittrattati bis-sħana u kemm jekk le
2519	Karbonat tal-manjeżju naturali (manjeżit); manjeżja fuża; manjeżja maħruqa għalkollox (sinterizzata), kemm jekk fiha kwantitajiet żgħar ta' ossidi oħrajn miżjuda qabel is-sinterizzazzjoni u kemm jekk le; ossidu tal-manjeżju ieħor, kemm jekk pur u kemm jekk le
2522	Ġibs verġni, ġir imħallat bl-ilma u ġir idrawliku, għajr ossidu u idrossidu tal-kalċju tal-intestatura 2825
2530	Sustanzi minerali mhux speċifikati jew inklużi banda oħra
2601	Minerali mhux maħduma u konċentrati tal-ħadid, inkluż piriti tal-ħadid inkaljati
2619	Gagazza, ħmieġ tal-metalli (għajr gagazza granulata), qxur u skart ieħor mill-manifattura tal-ħadid jew tal-azzar
2620	Gagazza, irmied u residwi (għajr mill-manifattura tal-ħadid jew tal-azzar), li fihom il-metalli, l-arseniku jew komposti tagħhom
2621	Gagazza u rmied oħrajn, inklużi rmied tal-alka (kelp); irmied u residwi mill-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali
2804 61	Siliċju li fih >= 99,99 % siliċju skont il-piż
2804 69	Siliċju li fih < 99,99 % siliċju skont il-piż
2814	Ammonijaka, anidra jew f'soluzzjoni milwiema
2815	Idrossidu tas-sodju (soder); idrossidu tal-potassju (potassa kawstika); perossidi tas-sodju jew potassju

Kodiċi NM	Isem l-oġġett
2816	Idrossidu u perossidu tal-manjeżju; ossidi, idrossidi u perossidi, tal-istronzju u tal-barju
2833	Sulfati; alumi; perossosulfati (persulfati)
2849	Karburi, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le
2910	Epossidi, epossialkoħols epossifenoli u epossieteri, b'ċirku bi tliet membri, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2916	Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi mhux saturati, aċidi monokarbossiliċi ċikliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2926	Komposti b'funzjoni ta' nitril
4016	Oġġetti oħrajn tal-lastiku vulkanizzat għajr lastiku iebes
4302	Ġlud tal-pelliċċerija kkunzati jew imnaddfin (inkluż irjus, dnub, saqajn u partijiet jew qatgħat oħrajn), mhux assemblati, jew assemblati (mingħajr iż-żieda ta' materjali oħrajn) għajr dawk tal-intestatura 4303
Ex 7110	Platinu, f'għamliet mhux maħdum jew semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab, ħlief għall-kodiċijiet NM 7110 21 u 7210 29
